ISSN 1831-0907

IL-QORTI EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 10 // 2013

POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI: L-APPOĠĠ SPEĊIFIKU PPROVDUT TAĦT L-ARTIKOLU 68 TAR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 73/2009 HUWA MFASSAL U IMPLIMENTAT TAJJEB?

MT

Rapport Speċjali Nru 10 // 2013

POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI: L-APPOĠĠ SPEĊIFIKU PPROVDUT TAĦT L-ARTIKOLU 68 TAR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 73/2009 HUWA MFASSAL U IMPLIMENTAT TAJJEB?

(taħt l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Rapport Speċjali Nru 10 // 2013

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-9241-392-7
doi:10.2865/31072

© L-Unjoni Ewropea, 2013
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I–VII SOMMARJU EŻEKUTTIV

1–6 INTRODUZZJONI

7–12 AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

13–76 OSSERVAZZJONIJIET

13–28 DGĦUFIJIET FIL-QAFAS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAĦT L-ARTIKOLU 68 JAFFETTWAW L-ALLINJAMENT MAL-PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-PAK

14–19 L-APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAĦT L-ARTIKOLU 68 HUWA DEROGA PARZJALI MILL-ORJENTAZZJONI GLOBALI DIŻAKKOPPJATA TAL-ISKEMA TA' PAGAMENT DIRETT

20–26 LOK KONSIDEREVOLI GĦAL IMMANUVRAR MILL-ISTATI MEMBRI, FILWAQT LI L-KUMMISSJONI GĦANDHA KONTROLL LIMITAT

27–28 IL-FUTUR TA' MIŻURI TA' APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAL-PAK WARA L-2013: JIPPERSISTU R-RISKJI TA' NUQQAS TA' ALLINJAMENT MAL-PAK

29–53 EVIDENZA INSUFFIĊJENTI BIEX TURI LI L-MIŻURI INTRODOTTI TAĦT L-ARTIKOLU 68 HUMA MEĦTIEĠA JEW RILEVANTI

31–35 EVIDENZA INSUFFIĊJENTI TA' ĦTIEĠA F'GĦADD TA' KAŻIJIET

36–49 EVIDENZA INSUFFIĊJENTI LI L-MIŻURI HUMA MFASSLA TAJJEB

50–53 GĦODOD INSUFFIĊJENTI BIEX JIVVALUTAW L-EFFETTIVITÀ TAL-MIŻURI

54–76 KONTROLLI INADEGWATI JEW INSUFFIĊJENTI TAL-MIŻURI IMPLIMENTATI FIL-LIVELL TAL-ISTAT MEMBRU

55–63 DGĦUFIJIET FIS-SISTEMI AMMINISTRATTIVI TA' KONTROLL U ĠESTJONI

64–69 DGĦUFIJIET FIL-VERIFIKI FUQ IL-POST

70–76 PIŻ TQIL TA' ĠESTJONI U KONTROLL

77–81 **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

ANNESS I — ENVELOP ALLOKAT LILL-ARTIKOLU 68 GĦALL-2010-2013, SKONT L-ISTAT MEMBRU U L-ATTIVITÀ (MINGĦAJR MIŻURI TAL-EKS ARTIKOLU 69)

ANNESS II — SOMMARJU TAL-MIŻURI MAGĦŻULA FL-ISTATI MEMBRI LI SARITILHOM ŻJARA

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

GLOSSARJU

AEM / MAET: Miżura agro-ambjentali / Miżura agro-ambjentali f'żona ġeografika speċifika (Franza).

Għajnuna diretta akkoppjata/diżakkoppjata: Sal-2003, l-appoġġ għall-biedja taħt il-Pilastru I ingħata prinċipalment fil-forma ta' pagamenti diretti marbutin mal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli speċifiċi (għajnuna diretta "akkoppjata"). Pagamenti ta' din ix-xorta ġew prinċipalment bħala għajnuna "skont l-erja" kull ettaru, għajnuna skont it-tip ta' wiċċ tar-raba' jew għajnuna għall-"bhejjem" għal kull annimal eliġibbli. Wara r-riforma tal-PAK fl-2003, il-parti l-kbira tal-miżuri ta' għajnuna tal-Pilastru I ġew "diżakkoppjati", jiġifieri li dawn ma għadhomx dipendenti aktar fuq il-prodott tal-benefiċjarju.

Kontrolli amministrattivi / verifiki fuq il-post: It-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009[1] jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għal kontrolli li japplikaw għall-miżuri kollha tal-għajnuna diretta. B'mod partikolari, l-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli amministrattivi, supplimentati b'verifiki fuq il-post bbażati fuq il-kampjunar. Mill-Artikolu 29 tar-Regolament: "Għal kull miżura skont l-appoġġ speċifiku li għaliha l-kontrolli amministrattivi huma teknikament possibbli, kull applikazzjoni għandha tiġi verifikata."

PAK: Politika Agrikola Komuni.

Pilastru I / Pilastru II: Ir-riforma tal-Aġenda 2000 stabbilixxiet żewġ pilastri prinċipali għall-PAK. Il-Pilastru I (il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija – FAEG) jipprevedi miżuri tas-suq u appoġġ għall-introjtu fil-forma ta' pagamenti diretti. Il-Pilastru II (il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali – FAEŻR) jikkofinanzja miżuri ta' żvilupp rurali f'oqsma bħalma huma l-agroambjent, il-promozzjoni tal-kwalità tal-ikel, standards tekniċi ogħla u l-benesseri tal-annimali.

Piż mejjet (Deadweight): Il-piż mejjet iseħħ fejn miżura tintuża biex tappoġġa lill-benefiċjarji li kienu jagħmlu kieku l-istess għażla fin-nuqqas ta' għajnuna. F'tali każijiet, il-pagament ta' għajnuna ma jipproduċi l-ebda impatt. Għalhekk, skont id-definizjoni, is-sehem tal-infiq li jiġġenera l-piż mejjet huwa ineffettiv, minħabba li dan ma jikkontribwixxix għall-objettivi ffissati.

Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK): Is-SIAK hija definita fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009[2] u hija żviluppata aktar bir-Regolament (KE) Nru 1122/2009. Hija tinkludi bażi tad-*data* kompjuterizzata ta' azjendi u applikazzjonijiet għall-għajnuna, sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' (LPIS) u sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali (AIRS), u hija prevista għal sensiela ta' kontrolli amministrattivi u verifiki fuq il-post.

Skema ta' Pagament Uniku (SPU): L-SPU hija s-sistema ta' għajnuna diżakkoppjata taħt il-Pilastru I li ġiet applikata sa mir-riforma tal-PAK 2003 fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea qabel l-2004. Verżjoni tranżizzjonali simplifikata, magħrufa bħala l-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja (SPUE) tapplika fl-Istati Membri aktar ġodda.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I.
Meta l-Iskema ta' Pagament Uniku (SPU) ġiet introdotta fl-2003, l-Istati Membri kellhom il-permess li jallokaw sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal "tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent jew biex jitjiebu l-kwalità u l-'marketing' tal-prodotti agrikoli". Dan l-appoġġ speċifiku ġie estiż aktar tard bl-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, li żied l-għadd ta' objettivi li għalihom tista' tingħata għajnuna.

II.
24 Stat Membru ddeċidew li jagħmlu użu mill-Artikolu 68, permezz ta' taħlita ta' 113-il miżura estremament varjati. Il-baġit totali għall-perjodu 2010-2013 huwa ta' EUR 6,4 biljun. Għalkemm il-miżuri huma kull waħda suġġetta għar-regoli individwali proprji tagħhom, il-biċċa l-kbira tagħhom huma bbażati fuq mekkaniżmi klassiċi għal pagamenti diretti akkoppjati[3] .

III.
L-awditu ffoka fuq it-tfassil tal-appoġġ speċifiku previst fl-Artikolu 68 u l-mod kif dan ġie implimentat fl-2010 u fl-2011 (arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll) u b'mod partikolari fuq jekk l-appoġġ speċifiku jagħtix prova b'mod sodisfaċenti li huwa konsistenti, rilevanti u kkontrollat b'mod xieraq. L-awditu kien immexxi fis-servizzi tal-Kummissjoni u f'erba' Stati Membri li jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 70 % tal-allokazzjoni baġitarja għall-miżuri rilevanti.

[3] Jekk jogħġbok irreferi għall-***Glossarju*** għal spjegazzjonijiet dwar għajnuna diretta akkoppjata/diżakkoppjata u l-Iskema ta' Pagament Uniku.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

IV.
L-SPU kienet ibbażata fuq il-prinċipji ta' diżakkoppjar ta' pagamenti diretti mill-produzzjoni u ta' simplifikar tar-reġim ta' pagament ("pagament uniku"). Bħala deroga, l-Artikolu 68 jippermetti lill-Istati Membri jżommu pagamenti akkoppjati diretti "f'każijiet definiti b'mod ċar". Madankollu, l-Qorti sabet li l-Kummissjoni kellha ftit li xejn kontroll fuq il-ġustifikazzjoni għal tali każijiet u li l-Istati Membri kellhom grad għoli ta' diskrezzjoni fl-introduzzjoni ta' pagamenti akkoppjati diretti. B'riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 68 ma kinitx allinjata għalkollox mal-prinċipji ġenerali ta' diżakkoppjar u simplifikar li issa jirregolaw il-Politika Agrikola Komuni.

V.
Il-Qorti sabet ukoll li hemm evidenza insuffiċjenti fl-Istati Membri li l-miżuri introdotti taħt l-Artikolu 68 huma meħtieġa jew rilevanti u dan f'termini tal-ħtieġa għalihom, l-effettività tat-tfassil tagħhom u l-livelli ta' għajnuna li saret disponibbli. Objettivi u indikaturi insuffiċjenti jfixklu l-valutazzjoni futura tal-miżuri.

VI.
Fl-aħħar nett, il-Qorti indikat dgħufijiet fis-sistemi amministrattivi u ta' kontroll stabbiliti biex jiġi żgurat li l-miżuri eżistenti ġew implimentati b'mod korrett. Tali dgħufijiet ġew xi drabi nnutati minkejja piżijiet ta' ġestjoni u kontroll li huma diġà tqal, iżda għandhom mnejn jeħtieġu jiżdiedu aktar xorta waħda jekk għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti.

VII.
Fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-PAK ta' "wara l-2013", il-proposta tal-Kummissjoni li qed tiġi diskussa issa kieku tippermetti li jinżamm appoġġ speċifiku fil-forma ta' pagamenti akkoppjati, iżda mingħajr ma jiġu definiti limiti preċiżi b'mod suffiċjenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti għandha r-rekkomandazzjonijiet prinċipali li ġejjin:

(a) Appoġġ speċifiku għal ċerti attivitajiet agrikoli għandhom ikunu bbażati fuq fehim strett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 68 u l-għoti ta' tali appoġġ akkoppjat għandu jiġi ġġustifikat b'mod adegwat lill-Kummissjoni u ċċekkjat minnha.

— Sabiex tkun tista' tassumi r-responsabbiltà finali taħt is-sistema ta' ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni għandha jkollha rwol aktar attiv fl-istabbiliment tal-kriterji li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-miżuri.

— L-Istati Membri għandhom jeħtieġu juru li kull miżura ta' appoġġ speċifiku li għandhom l-intenzjoni jintroduċu hija meħtieġa (f'termini tal-ħtieġa għal u l-valur miżjud ta' approċċ ibbażat fuq id-derogi), rilevanti (f'termini ta' arranġamenti għall-implimentazzjoni, kriterji tal-għoti u livelli ta' għajnuna), u li tissodisfa l-kriterji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

(b) B'kont meħud tal-varjetà ta' miżuri possibbli, sistema xierqa ta' monitoraġġ għandha tiġi stabbilita biex tiffaċilita l-evalwazzjoni sussegwenti.

(c) Ladarba l-miżuri jkunu ġew introdotti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi adatti u komprensivi ta' ġestjoni u kontroll biex jiżguraw li r-rekwiżiti kollha tar-Regolament jistgħu jiġu ssodisfati. Sabiex tkun evitata l-ġenerazzjoni ta' spejjeż sproporzjonati fuq l-iskala limitata ta' miżura ta' appoġġ speċifiku, għandu jittieħed kont tar-rekwiżit għall-kontrolli diġà matul il-fażi ta' tfassil tal-miżura (is-sempliċità tal-implimentazzjoni, il-"kontrollabbiltà" tal-kriterji, eċċ.) jew, possibbilment, anke fid-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tkun introdotta miżura partikolari jew le.

INTRODUZZJONI

1. Meta l-Iskema ta' Pagament Uniku (diżakkoppjar tal-appoġġ dirett lill-bdiewa mill-produzzjoni)[4] ġiet introdotta fl-2003, l-Istati Membri kellhom il-permess ikomplu japplikaw ċerti miżuri ta' appoġġ marbuta mal-produzzjoni għall-bdiewa. Taħt l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003[5], l-Istati Membri kienu intitolati li jassenjaw sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal "tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent jew biex jitjiebu l-kwalità u l-'marketing' tal-prodotti agrikoli".

2. Dan l-appoġġ speċifiku ġie estiż aktar tard bl-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 73/2009 (il-perjodu 2010-2013). L-Artikolu 68 żied l-għadd ta' objettivi jew ta' attivitajiet li għalihom tista' tingħata għajnuna (ara t-***Tabella 1***).

3. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-appoġġ previst fl-Artikolu 68 huma notevolment stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009[6] (l-Artikoli 37 sa 49) u r-Regolament (KE) Nru 1122/2009 (l-Artikoli 29 u 46). Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għat-tipi differenti ta' appoġġ mogħti taħt l-Artikolu 68 huma bbażati b'mod wiesa' fuq is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK).

[4] Ara l-***Glossarju***.

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 1).

TABELLA 1

OBJETTIVI JEW ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI GĦALL-APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAL-ARTIKOLU 68

Ħarsien jew titjib tal-ambjent	68(1)(a)(i)
Kwalità ta' prodotti agrikoli	68(1)(a)(ii)
Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli	68(1)(a)(iii)
Benesseri tal-annimali	68(1)(a)(iv)
Benefiċċji agroambjentali	68(1)(a)(v)
Jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi f'żoni vulnerabbli jew sensittivi jew li jaffettwaw tipi ta' biedja vulnerabbli	68(1)(b)
Jevitaw l-abbandun tal-art agrikola	68(1)(c)
Assigurazzjoni ta' wċuħ tar-raba', l-annimali u l-pjanti	68(1)(d)
Fondi komuni għal mard u inċidenti ambjentali	68(1)(e)

4. 24 Stat Membru ddeċidew li jagħmlu użu mill-Artikolu 68 permezz ta' taħlita ta' 113-il miżura li jvarjaw b'mod wiesa' kemm fit-tip kif ukoll fil-baġit.

5. Għall-perjodu 2010-2013, envelop ta' total ta' EUR 6,4 biljun ġie allokat mill-baġit tal-UE lill-Artikolu 68 (ara l-***Anness I***). Id-dijagrammi li ġejjin juru d-distribuzzjoni tal-finanzjament skont l-Istat Membru (id-***Dijagrammma 1***) u skont it-tip ta' miżura (id-***Dijagramma 2***).

6. Il-forma ta' appoġġ (akkoppjat/diżakkoppjat) użata għad-diversi miżuri stabbiliti taħt l-Artikolu 68(1) kif klassifikat fil-baġit tal-UE hija ppreżentata fit-***Tabella 2***.


TABELLA **2**

FORMA TA' APPOĠĠ (AKKOPPJAT/DIŻAKKOPPJAT) UŻATA GĦAD-DIVERSI MIŻURI STABBILITI TAĦT L-ARTIKOLU 68(1)

	Għajnuna diretta akkoppjata	Għajnuna diretta diżakkoppjata
Ħarsien jew titjib tal-ambjent (68(1)(a)(i))	√	
Kwalità ta' prodotti agrikoli (68(1)(a)(ii))	√	
Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli (68(1)(a)(iii))	√	
Benesseri tal-annimali (68(1)(a)(iv))	√	
Benefiċċji agroambjentali (68(1)(a)(v))		√
Żvantaġġi speċifiċi u tipi ta' biedja vulnerabbli (68(1)(b))	√	
Jevitaw l-abbandun tal-art agrikola (68(1)(c))		√
Assigurazzjoni ta' wċuħ tar-raba', l-annimali u l-pjanti (68(1)(d))		√
Fondi komuni (68(1)(e)) (assigurazzjoni)	√	

DIJAGRAMMA **1**


DISTRIBUZZJONI TAL-FONDI BBAĠITJATI GĦALL-PERJODU 2010-2013 SKONT L-ISTAT MEMBRU



Sors: Previżjonijiet baġitarji kkomunikati mill-Kummissjoni Ewropea.

DIJAGRAMMA **2**

DISTRIBUZZJONI TAL-FONDI BBAĠITJATI GĦALL-PERJODU 2010-2013 SKONT IT-TIP TA' MIŻURA



Sors: Previżjonijiet baġitarji kkomunikati mill-Kummissjoni Ewropea.

AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

7. L-awditu ffoka fuq l-introduzzjoni tal-appoġġ previst fl-Artikolu 68 u l-mod kif ġie implimentat fl-2010 u fl-2011 (arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll). Sabiex jindirizza l-mistoqsija prinċipali tal-awditjar dwar jekk l-appoġġ ipprovdut kienx imfassal u implimentat tajjeb, l-awditu indirizza t-tliet sottomistoqsijiet:

(a) Il-qafas tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ speċifiku huwa konċepit b'tali mod li jiżgura l-konsistenza mal-orjentazzjoni ġenerali tal-Pilastru I tal-PAK?

(b) Hemm biżżejjed evidenza li l-miżuri introdotti taħt l-Artikolu 68 huma meħtieġa u rilevanti?

(c) Dawn il-miżuri huma implimentati flimkien ma' sistema ta' kontroll sodisfaċenti?

8. L-awditu tmexxa fis-servizzi tal-Kummissjoni u fil-Greċja, fi Spanja (Aragona, Galicia, Castilla la Mancha), fi Franza u fl-Italja (Emilia Romagna, Lazio), bl-Istati Membri jirrappreżentaw 68 % tal-allokazzjoni baġitarja għall-perjodu 2010-2013 u 73 % tal-infiq ibbaġitjat għall-ewwel sentejn.

9. Ix-xogħol iffoka fuq għażla ta' 13-il miżura (ara d-deskrizzjonijiet qosra fl-***Anness II***):

- Għajnuna għall-qamħ durum (il-Greċja - 68(1)(a)(ii))
- Għajnuna għan-nagħaġ/għall-mogħoż f'żoni żvantaġġati (il-Greċja - 68(1)(b))
- Drittijiet ġodda għal pagament uniku f'żoni żvantaġġati jew f'żoni muntanjużi (il-Greċja - 68(1)(c))
- Għajnuna għar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' f'żoni tar-raba' bagħli (Spanja - 68(1)(a)(v))
- Għajnuna għas-settur tal-ħalib f'żoni żvantaġġati (Spanja - 68(1)(b))
- Għajnuna għal-laħam tan-nagħaġ/tal-mogħoż (Spanja - 68(1)(b))
- Għajnuna addizzjonali għall-uċuħ tal-proteini (Franza - 68(1)(a)(i))
- Għajnuna għaż-żamma tal-biedja organika (Franza - 68(1)(a)(v))

- Għajnuna għan-nagħaġ/għall-mogħoż (Franza - 68(1)(b))
- Assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (Franza - 68(1)(d))
- Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (l-Italja - 68(1)(a)(v))
- Titjib fil-kwalità ta' prodotti agrikoli fis-settur tal-bovini (l-Italja - 68(1)(a)(ii))
- Assigurazzjoni (l-Italja - 68(1)(d))

10. Dawn it-13-il miżura kienu ġew allokati EUR 2 686 miljun għall-perjodu 2010-2013, li jirrappreżentaw ftit aktar minn 40 % tal-baġit totali għall-Artikolu 68 (50 % fl-ewwel sentejn).

11. L-approċċ tal-awditjar ikkonsista f'evalwazzjoni tax-xogħol imwettaq għat-tħejjija tar-regolamenti fis-seħħ[7] u, għall-miżuri magħżula:

(a) analiżi tat-tfassil tal-miżuri (eż. ħtiġijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u rati tal-għajnuna) u tad-dokumentazzjoni disponibbli bħala appoġġ għall-għażliet imwettqa;

(b) analiżi tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;

(c) testijiet tal-konformità, fuq bażi dokumentarja, fuq kampjun aleatorju ta' madwar 10 fajls tal-benefiċjarji għal kull miżura; il-parti l-kbira tal-benefiċjarji kkonċernati kienu diġà nżjaru għal verifiki fuq il-post minn awtoritajiet nazzjonali;

(d) żjarat fuq il-post għal sottokampjun tal-fajls imsemmija hawn fuq u, fejn meħtieġ, lil kwalunkwe parti oħra meqjusa rilevanti għall-miżura[8].

12. B'kollox, l-awdituri eżaminaw rekords dokumentarji għal 141 fajl (applikazzjonijiet, verifiki u pagamenti għall-2010 u l-2011)[9] u wettqu 29 żjara fuq il-post.

[7] Inkluża analiżi tal-valutazzjonijiet li kienu disponibbli fir-rigward tal-implimentazzjoni, qabel, tal-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew miżuri ekwivalenti oħra.

[8] Kumpanija tal-assigurazzjoni fi Franza u *Consorzi di Difesa* fl-Italja (tip ta' organizzazzjoni ta' produtturi li jaġixxu bħala intermedjarji).

[9] Uħud mill-benefiċjarji magħżula għall-2010 ma kinux ġeddu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna fl-2011; barra minn hekk, uħud mill-fajls tal-benefiċjarji għall-2011 kienu għadhom mhux disponibbli fiż-żmien tal-awditu.

OSSERVAZZJONIJIET

DGĦUFIJIET FIL-QAFAS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAĦT L-ARTIKOLU 68 JAFFETTWAW L-ALLINJAMENT MAL-PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-PAK

13. Ir-riforma tal-PAK, introdotta fl-2003, kienet ibbażata fuq il-prinċipji ta' diżakkoppjar ta' pagamenti diretti mill-produzzjoni u simplifikar tar-reġim ta' pagament. Bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 68 jippermetti lill-Istati Membri jżommu appoġġ speċifiku "f'każijiet definiti b'mod ċar". L-awditu vvaluta jekk tali derogi kinux allinjati mal-prinċipji ġenerali ta' diżakkoppjar u simplifikazzjoni li issa jirregolaw il-Politika Agrikola Komuni.

L-APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAĦT L-ARTIKOLU 68 HUWA DEROGA PARZJALI MILL-ORJENTAZZJONI GLOBALI DIŻAKKOPPJATA TAL-ISKEMA TA' PAGAMENT DIRETT

14. Il-parti l-kbira tal-miżuri[10] li jistgħu jiġu introdotti taħt l-Artikolu 68 huma kumparabbli għal (jew, f'xi każijiet, eżattament identiċi għal) skemi preċedenti oħra[11]. Għalhekk, fil-parti l-kbira, l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 (u l-prekursur tiegħu l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru1782/2003) huwa essenzjalment il-bażi legali meħtieġa biex tkun żgurata l-kontinwazzjoni, b'mod partikolari fil-forma ta' għajnuna akkoppjata diġà disponibbli minn żmien twil.

15. Għaldaqstant, il-miżuri akkoppjati għall-bhejjem li kienu awditjati huma kumparabbli mal-miżuri tal-għajnuna diretta għall-annimali, bħal primjums għall-baqar li jreddgħu u n-nagħaġ u l-mogħoż[12], li huma kkumplementaw jew issupplimentaw[13]. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' għajnuna skont l-erja li ġew introdotti huma essenzjalment kontinwazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna diġà disponibbli taħt l-Iżvilupp Rurali jew ta' skemi ta' għajnuna akkoppjati li kienu eżistu qabel[14], li l-Kunsill kien diġà ddeċieda li jiddiżakkoppja.

16. Madankollu, id-diżakkoppjar kien it-tema ewlenija tar-riforma tal-PAK 2003, u din l-orjentazzjoni kienet ikkonfermata mill-Kontroll tas-Saħħa tal-2008[15].

[10] Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji biss (is-subparagrafi (d) u (e)) kienu innovattivi meta mqabbla mal-forom ta' appoġġ diġà disponibbli.

[11] Il-miżuri agroambjentali kollha huma disponibbli taħt il-Pilastru II għal ammonti akbar (il-Miżura 214, li għaliha ġew allokati EUR 22,2 biljun għall-2007-2013). Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, ara r-Rapport Speċjali Nru 7/2011 tal-Qorti "L-appoġġ agroambjentali huwa mfassal u ġestit tajjeb?" (http://eca.europa.eu) B'mod partikolari, l-għajnuniet għall-biedja organika fi Franza taħt l-Artikolu 68 hija identika għal dawk diġà eżistenti taħt il-miżura 214 għall-iżvilupp rurali.

[12] Ara r-Rapport Speċjali Nru 11/2012 tal-Qorti "Għajnuna diretta għall-baqar li jreddgħu u n-nagħaġ u l-mogħoż skont l-implimentazzjoni parzjali tal-arranġamenti tal-SPU" (http://eca.europa.eu).

[13] Pereżempju, Spanja kienet għażlet li tiddiżakkoppja l-primjums eżistenti tan-nagħaġ u tal-mogħoż; madankollu, hija immedjatament introduċiet mill-ġdid miżura kumparabbli biex tipprovdi għajnuna għal-laħam tan-nagħaġ/tal-mogħoż taħt l-Artikolu 68.

[14] Pereżempju, l-għajnuna Franċiża għall-uċuħ tal-proteini introdotta taħt l-Artikolu 68 hija intitolata "addizzjonali" minħabba li fl-2010 u fl-2011 kellha sovrapożizzjoni fuq miżura ekwivalenti eżistenti li nżammet sal-2011.

[15] Mit-tieni premessa għar-Regolament (KE) Nru 73/2009: "B'mod partikolari, id-diżakkoppjar tal-appoġġ dirett għandu jiġi estiż u l-funzjonament tal-iskema ta' pagament uniku għandu jiġi ssimplifikat." L-intenzjoni kienet li Stati Membri li inizjalment kienu għażlu li jżommu ċertu perċentwal ta' appoġġ tal-produzzjoni taħt l-SPU, jirtirawh qabel l-2013. Barra minn hekk, skemi speċifiċi ta' appoġġ li kienu għadhom akkoppjati tneħħew bil-mod il-mod u ġew inkorporati fl-SPU (bl-eċċezzjoni notevoli tal-primjums għall-baqar li jreddgħu u għan-nagħaġ/għall-mogħoż, li Stati Membri jistgħu jżommu bħala skemi akkoppjati).

17. Dak li jipprevedi l-Artikolu 68 (u, qabel dak, l-Artikolu 69, il-"prekursur" tiegħu) huwa għalhekk għadd ta' derogi bl-objettiv li jestendu u jissimplifikaw id-diżakkoppjar. Biż-żamma jew anke l-ħolqien ta' forom ta' appoġġ akkoppjat, dan joħroġ mill-orjentazzjoni ġenerali tal-Pilastru I. Għal din ir-raġuni, ir-Regolament jiddikkjara li d-derogi għadhom japplikaw restrittivament "f'każijiet definiti b'mod ċar"[16]. Konsegwentement, l-iskop ta' dan l-artikolu mhuwiex li jżomm xi forma ta' akkoppjar parzjali jew li jintroduċi "l-akkoppjar mill-ġdid", iżda biex jipprovdi biss soluzzjonijiet adattati apposta għal għadd żgħir ta' problemi speċifiċi.

18. Fl-2010, evalwazzjoni tal-impatt ta' diżakkoppjar parzjali fuq is-swieq diġà kkonkludiet li l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kien intuża ħażin sabiex tinżamm forma ta' akkoppjar parzjali[17]. Minn dakinhar, dan ir-riskju żdied minħabba għadd għoli ta' miżuri possibbli offruti mill-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, li jwessa' l-opzjonijiet għal appoġġ speċifiku aktar milli għamel l-Artikolu 69 imsemmi hawn fuq.

19. Għalhekk, jekk l-appoġġi speċifiċi humiex konsistenti jew le mal-orjentazzjoni ġenerali tal-Kunsill għall-Pilastru I issa qed jiddependi fuq l-interpretazzjoni mogħtija għall-kunċett ta' "każijiet definiti b'mod ċar" li fiha għandu jingħata appoġġ speċifiku, u fuq il-mod kif jiġi vverifikat.

LOK KONSIDEREVOLI GĦAL IMMANUVRAR MILL-ISTATI MEMBRI, FILWAQT LI L-KUMMISSJONI GĦANDHA KONTROLL LIMITAT

20. Ir-regolamenti dwar l-appoġġ speċifiku ma jipprovdux qafas suffiċjenti biex jiżguraw li dan l-appoġġ ikun ipprovdut biss "f'każijiet definiti b'mod ċar". Tabilħaqq, ir-Regolamenti jippermettu lill-Istati Membri jieħdu azzjoni, meta jkunu qed ifasslu l-miżuri tagħhom, b'lok konsiderevoli għal immanuvrar.

21. Approvazzjoni mill-Kummissjoni hija meħtieġa biss b'mod formali għal miżuri agroambjentali taħt il-paragrafu 1(a)(v). Għat-tipi l-oħra kollha ta' miżura, il-Kummissjoni ma tista' tieħu ebda azzjoni vinkolanti, u l-uniku obbligu tal-Istati Membri huwa li jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet li jieħdu.

[16] Il-Premessa 35 għar-Regolament (KE) Nru 73/2009, li tkompli: "F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw […] għall-għoti tal-appoġġ speċifiku. […] Bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq".

[17] Agrosynergie, *Evalwazzjoni tal-effetti tad-diżakkoppjar parzjali fuq is-swieq*, Ottubru 2010 (http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/decoupling/short_sum_mt.pdf): "[…] fil-maġġoranza tal-każijiet, il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni kkaġunaw tgħawwiġ fl-Artikolu 69, li tfassal fl-Istati Membri bħala forma ta' diżakkoppjar parzjali b'reazzjoni għall-introduzzjoni tad-diżakkoppjar."

22. Barra minn hekk, ir-regolamenti ffissaw għadd żgħir ħafna ta' limiti fir-rigward tal-miżuri li jistgħu jiġu introdotti. U l-ftit regoli li jeżistu japplikaw għal kategorija waħda biss ta' miżuri, iżda mhuwiex dejjem ċar għalfejn dawn ma għandhomx japplikaw għal oħrajn. Għaldaqstant, billi mhux dejjem ikun hemm distinzjoni ċara bejn it-tipi differenti ta' miżuri, l-Istati Membri jistgħu, skont l-objettiv stabbilit, jaħarbu l-ftit regoli eżistenti billi jużaw klassifikazzjoni waħda bi preferenza għal xi oħra. (ara l-***Kaxxa 1***).

23. Minkejja dan, il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri notifikati lilha bl-għan li tiżgura li kull Stat Membru jipprovdi ċertu ammont ta' informazzjoni standardizzata. Matul dik il-ħidma, kien hemm skambji frekwenti li xi drabi rriżultaw f'emendi għall-miżuri proposti fil-bidu.

KAXXA 1

EŻEMPJU TA' DISTINZJONI MHUX ĊARA BEJN IT-TIPI DIFFERENTI TA' MIŻURI U KIF L-ISTATI MEMBRI JISTGĦU JUŻAWH BIEX JEVITAW IL-FTIT REGOLI EŻISTENTI

L-ebda distinzjoni ċara ma teżisti bejn miżura li għandha tiġi stabbilita taħt il-paragrafu 1(a)(i) (ambjent) u l-paragrafu 1(a)(v) (agroambjent). Pereżempju, l-għajnuna Franċiża għall-uċuħ tal-proteini kienet stabbilita taħt il-paragrafu 1(a)(i), filwaqt li fi Spanja u fl-Italja ġew introdotti miżuri pjuttost simili li jappoġġjaw ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'[18] taħt il-paragrafu 1(a)(v) b'objettivi pjuttost simili. Ara wkoll l-eżempju fil-paragrafu 26.

Tali għażliet kellhom impatt dirett fuq ir-regoli applikabbli:

— il-miżuri "ambjentali" huma kundizzjonali għal "benefiċċji […] li ma jkunx negliġibbli u jkunu jistgħu jitkejlu"[19] (kriterju li ma japplikax għall-miżuri "agroambjentali")

— filwaqt li appoġġi "agroambjentali" jridu jiġu approvati minn qabel mill-Kummissjoni u jridu jkunu limitati "biex jitkoprew l-ispejjeż addizzjonali li jiġġarrbu realment u d-dħul mitluf sabiex jintlaħaq l-għan ikkonċernat" (restrizzjonijiet li ma japplikawx għall-kategoriji l-oħra, inkluż l-appoġġ "ambjentali").

---

[18] Kif spjegat fl-***Anness II***, il-miżura Spanjola msemmija fil-verità ma tinkludi ebda kundizzjoni għar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' iżda tieħu l-forma ta' għajnuna skont l-erja li fuq kollox hija kundizzjonali għal ċerti perċentwali taż-żerriegħa taż-żejt u tal-uċuħ tal-proteini.

[19] Għalkemm il-każ imsemmi, l-issodisfar ta' din il-kundizzjoni ma ntweritx.

24. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandhiex il-mandat legali għal rwol usa' u mhux dejjem tittieħed azzjoni dwar l-eżaminar u l-iskambji. Il-grad ta' dettall mogħti fid-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni tirċievi mill-Istati Membri jvarja ħafna u f'ċerti każijiet, l-awditu fil-pajjiż żvela klawżoli sinifikanti li ma kinux fid-deskrizzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, l-awditu pprovda illustrazzjoni ċara tal-limiti għas-setgħat ta' kontroll tal-Kummissjoni fuq l-għażla u t-tfassil tal-miżuri mill-Istati Membri.

25. Għalhekk, matul l-eżaminar ta' miżuri (minbarra dawk agroambjentali) rrappurtati minn xi Stati Membri[20], mistoqsijiet imqajma mill-Kummissjoni baqgħu ma twieġbux. Billi ma' kelliex is-setgħat meħtieġa, il-Kummissjoni ġiet kostretta tagħlaq dawk il-każijiet mingħajr ma setgħet tiddeċiedi dwar jekk il-miżura inkwistjoni kinitx legali. Il-fajls kienu mmarkati bil-konklużjoni li ġejja: il-proċess tal-valutazzjoni tan-notifika […] għandu jingħalaq […] il-kundizzjonalità tal-miżura notifikata għandha titqies bħala la murija bis-sħiħ u lanqas murija b'mod ċar.

26. Fi Stat Membru ieħor[21], ġiet riformulata miżura biex tiġi introdotta taħt il-paragrafu 1(a)(i) wara li l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tapprovaha bħala miżura agroambjentali (il-paragrafu 1(a)(v)).

IL-FUTUR TA' MIŻURI TA' APPOĠĠ SPEĊIFIKU TAL-PAK WARA L-2013: JIPPERSISTU R-RISKJI TA' NUQQAS TA' ALLINJAMENT MAL-PAK

27. Fil-kuntest tal-proposta tagħha dwar il-PAK 2014-2020, il-Kummissjoni pproponiet[22] li żżomm il-possibbiltà ta' appoġġ speċifiku fil-forma ta' pagamenti akkoppjati, proposta li dwarha l-Qorti ħarġet opinjoni f'April 2012[23]. B'kont meħud ta' emendi li attwalment qed jiġu diskussi[24], din il-proposta kieku twassal għat-tibdiliet prinċipali li ġejjin:

(a) il-lista fl-Artikolu 68 ta' prodotti kkonċernati tiġi estiża;

(b) il-baġit disponibbli jiġi ffissat f'livell ta' 8 % tal-limitu massimu u jista' jitla', b'deroga, sa 13 %

[20] L-Irlanda u l-Portugall.

[21] Id-Danimarka.

[22] KUMM(2011) 625 finali tat-12 ta' Ottubru 2011, l-Artikoli 38 sa 41.

[23] L-Opinjoni Nru 1/2012 dwar ċerti proposti għal regolamenti dwar il-politika agrikola komuni għall-perjodu 2014-2020 (http://eca.europa.eu).

[24] B7-0079/2013, Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ftuħ u l-mandat ta' negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni (COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – COM(2012) 552 – C7-0311/2012 – 2011/0280(COD) – 2013/2528(RSP)). (http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//NONSGML+MOTION+B7-2013-0079+0+DOC+PDF+V0//MT)

(c) l-appoġġ akkoppjat jingħata:

(i) "lil setturi jew lil reġjuni ta' Stat Membru fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jgħaddu minn ċerti diffikultajiet u jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi u/jew soċjali u/jew ambjentali" u

(ii) "sakemm ikun meħtieġ biex jinħoloq inċentiv għaż-żamma ta' livelli attwali ta' produzzjoni fir-reġjuni kkonċernati".

28. Peress li, kieku, jiżdiedu l-lista ta' prodotti u l-limitu massimu tal-baġit disponibbli għall-appoġġ speċifiku, u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ jiddependu mill-interpretazzjoni mogħtija fil-futur għall-kunċetti tassew vagi użati ("diffikultajiet", "partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi u/jew soċjali u/jew ambjentali"), il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' għajnuna akkoppjata attwalment fis-seħħ jistgħu tassew jinżammu.

EVIDENZA INSUFFIĊJENTI BIEX TURI LI L-MIŻURI INTRODOTTI TAĦT L-ARTIKOLU 68 HUMA MEĦTIEĠA JEW RILEVANTI

29. Il-Qorti awditjat jekk, minħabba r-rekwiżiti limitati li għalihom l-Istati Membri huma suġġetti, jeżistux biżżejjed evidenza u għodod biex juru li l-miżuri introdotti taħt l-Artikolu 68 huma meħtieġa jew imfassla tajjeb.

30. Il-Qorti ċċekkjat jekk l-evidenza ta' ħtiġijiet u tar-rilevanza tal-forma u l-livell ta' għajnuniet kinux ipprovduti *ex ante* u jekk sistemi ta' monitoraġġ xierqa kieku jippermettux li l-effettività tal-miżuri tiġi kkonfermata *ex post*.

EVIDENZA INSUFFIĊJENTI TA' ĦTIEĠA F'GĦADD TA' KAŻIJIET

31. L-awditu żvela li f'għadd ta' każijiet ma kien hemm l-ebda evidenza[25] għal ħtieġa għal appoġġ speċifiku minbarra argumenti kwalitattivi ta' natura ġenerali. Huwa żvela wkoll li d-dokumenti eżaminati ma kinux suffiċjenti biex jiġġustifikaw aspetti ewlenin tal-miżuri[26]. Barra minn hekk, kien impossibbli li jiġu dokumentati r-raġunijiet għal deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-baġit, jew fost il-miżuri diversi implimentati jew inkella b'rabta ma' ħtiġijiet oħra li għalihom ma ngħatax appoġġ speċifiku.

32. Pereżempju, fi Stat Membru wieħed (il-Greċja) l-ebda dokumentazzjoni ma kienet disponibbli biex speċifikament tiġġustifika xi waħda mill-miżuri.

33. F'każ ieħor (Spanja) l-għajnuna tal-wiċċ tar-raba' kienet iġġustifikata bil-"ħtieġa għall-ġlieda kontra tendenza reċenti lejn monokulturi taċ-ċereali", madankollu, id-dokumenti miksuba ma kinux biżżejjed biex juru xi tendenza bħal din fiż-żoni mmirati mill-miżura. L-ebda wieħed miż-żewġ Stati Membri li mmiraw lejn żoni speċifiċi bil-miżuri agroambjentali tagħhom ma kellhom statistika biex juru r-rilevanza tal-għażliet li saru.

34. Fi Franza, it-tnaqqis fl-għadd ta' bhejjem, li l-miżura għandha l-għan li tiġġieled, kien issostanzjat biss fil-każ ta' nagħaġ li jreddgħu (l-ebda tnaqqis fin-nagħaġ tal-ħalib u l-ebda statistika pprovduta għall-mogħoż); madankollu, il-miżura ta' għajnuna adottata, hija applikabbli għas-settur sħiħ tan-nagħaġ/tal-mogħoż.

35. Sa fejn il-miżura għaż-żamma tal-biedja organika hija kkonċernata (Franza), il-Qorti sabet li l-istatistika jew l-istudji ma kinux disponibbli biex jissostanzjaw ir-riskju għal 'ritorn għall-biedja tradizzjonali' minn bdiewa organiċi. Għaldaqstant il-ħtieġa għal appoġġ għaż-żamma tal-biedja organika ma kinitx iġġustifikata b'mod xieraq.

[25] 3 miżuri minn 13.

[26] 6 miżuri minn 10; ara l-eżempji fil-paragrafi li ġejjin.

EVIDENZA INSUFFIĊJENTI LI L-MIŻURI HUMA MFASSLA TAJJEB

EVIDENZA INSUFFIĊJENTI LI L-PAGAMENTI AKKOPPJATI HUMA XIERQA

36. Appoġġ speċifiku jingħata fil-biċċa l-kbira fil-forma ta' pagamenti akkoppjati[27], għalkemm ma hemm l-ebda evidenza konklużiva li turi li l-għajnuna akkoppjata hija l-mezz l-aktar xieraq ta' lħuq tal-objettivi li qed jiġu segwiti. Għal mill-anqas uħud mill-objettivi segwiti (eż. titjib ta' kwalità, kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, benesseri tal-annimali, eċċ.), forom oħra ta' għajnuna minbarra pagamenti akkoppjati, bħall-kofinanzjament tal-investiment jew il-promozzjoni ta' prodotti ta' kwalità, b'konformità mal-objettivi tal-PAK huma wkoll disponibbli u kellhom jitqiesu waqt it-tfassil ta' dawn il-miżuri.

37. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' evidenza konklużiva li l-pagamenti akkoppjati huma l-forma l-aktar xierqa ta' appoġġ diġà tqajjem f'bosta okkażjonijiet b'konnessjoni mal-għajnuna akkoppjata għall-bhejjem[28]. Barra minn hekk, dan ir-riskju li pagamenti akkoppjati ma jkunux adatti għall-objettiv tal-kompetittività tqajjem fl-evalwazzjoni 2010 tal-impatt tad-diżakkoppjar parzjali fuq is-swieq b'konnessjoni mal-appoġġ tal-Artikolu 69.

38. Barra minn hekk, il-kriterji dettaljati tal-miżuri implimentati mhux dejjem huma ġġustifikati b'mod dirett mill-objettivi jew mill-ħtiġijiet iddikjarati. U, għalkemm l-Artikolu 68 jippermetti li l-għajnuna tkun immirata, il-parti l-kbira tal-appoġġi fis-seħħ ma diskriminawx jew mhumiex immirati biżżejjed.

39. Pereżempju, il-miżuri taħt il-paragrafu 1(a)(i) u (v) huma implimentati abbażi ta' objettivi ambjentali. Għaldaqstant ir-rilevanza tagħhom tiddependi minn jekk rabta ta' kawżalità hijiex stabbilita bejn l-attivitajiet sussidjati u dawn l-objettivi ambjentali. Madankollu, għall-miżuri li kienu awditjati, din ir-rabta każwali kienet ipoteżi ta' bażi li għaliha ma kien hemm l-ebda evidenza speċifika[29].

[27] Skont ir-ripartizzjoni tal-baġit ġenerali, il-pagamenti akkoppjati taħt l-Artikolu 68 jammontaw għal 66 % tal-infiq kollu (73 % tal-miżuri implimentati fl-2010). Xi miżuri taħt il-paragrafu 1(a)(v) ukoll jagħmlu użu mill-pagamenti akkoppjati, filwaqt li l-miżuri tal-paragrafu 1(e) jistgħu ugwalment jitqiesu bħala diżakkoppjati.

[28] "[…] nistaqsu kemm huwa xieraq li jintużaw […] strument tal-ewwel Pilastru tal-PAK, sabiex jintlaħaq għan li huwa relevanti b'mod aktar dirett għall-politika ta' żvilupp rurali. […] b'koerenza mal-prinċipji li ispiraw ir-riforma tal-PAK, ikun xieraq li jiġu integrati l-għajnuniet li baqgħu akkoppjati fl-iskema ta' pagament uniku u li l-istrumenti tat-tieni Pilastru jingħataw l-irwol ta' appoġġ tal-ekonomiji agrikoli lokali." (Agrosynergie, *Evalwazzjoni tal-effetti tad-diżakkoppjar parzjali fuq is-swieq*).
"Il-Qorti ma sabitx evidenza konklużiva li turi li l-iskemi vverifikati (awditjati) [għajnuna diretta għall-baqar li jreddgħu u għan-nagħaġ u għall-mogħoż] b'mod ġenerali huma għodda aktar effettiva mill-għajnuna diżakkoppjata, flimkien ma' miżuri oħra ffinanzjati mill-UE jew nazzjonalment, sabiex tinżamm il-produzzjoni u għalhekk tiġi sostnuta attività ekonomika fir-reġjuni bi ftit alternattivi ekonomiċi u jiġġeneraw benefiċċji ambjentali." (Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2012.)

[29] Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011 ikompli jiżviluppa dan il-punt: "evidenza speċifika kwantifikata kienet tintuża biss f'minoranza tal-każijiet biex jiġu mfassla u ġestiti submiżuri agroambjentali. […] Għal 24 % tal-kuntratti riveduti, l-Istati Membri rrappurtaw li r-relazzjoni kawżali bejn il-prattiki tal-biedja u l-benefiċċji ambjentali antiċipati ma ntwerewx." "[…] id-deċiżjonijiet tal-maniġment […] ma ffukawx fuq pagamenti bi problemi ambjentali speċifiċi.".

40. Il-miżuri Griegi ta' għajnuna f'żoni żvantaġġati (nagħaġ/mogħoż u drittijiet ġodda għal pagament uniku) kienu mfassla abbażi ta' definizzjoni antika taż-Zoni Żvantaġġati li jkopru madwar 80 % tal-art agrikola użabbli tal-pajjiż. Minbarra l-fatt li dan in-nuqqas ta' mira jservi biex idgħajjef il-fondi disponibbli, xi żoni li kienu kkunsidrati bħala aktar żvantaġġati fil-passat jistgħu ma jkunux hekk illum[30].

41. Fl-aħħar nett, l-għajnuna ngħatat mingħajr ebda kriterju għal tibdil jew titjib fil-prattiki preċedenti[31]. Għall-miżuri awditjati, porzjon kbir ta' benefiċjarji jibbenefikaw minn effett ta' piż totali fil-forma ta' għajnuna li, fl-aħjar każijiet, iżżomm prattika eżistenti. Filwaqt li dan l-arranġament huwa konsistenti mat-termini ffissati għaż-"żamma tal-produzzjoni" fir-rigward ta' miżuri introdotti taħt l-Artikolu 68(1)(b)[32], għal dawk il-miżuri li kienu jimmiraw lejn titjib, huwa minnu nnifsu ineffiċjenti u insuffiċjenti għall-iskop ta' tibdil tas-sitwazzjoni eżistenti[33].

42. Għall-miżura tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (l-Italja, Spanja), għalkemm l-awtoritajiet nazzjonali mmiraw lejn reġjuni jew żoni speċifiċi, l-għajnuna hija disponibbli għall-bdiewa kollha f'dawn iż-żoni, mingħajr ma jingħata kas ta' x'kienu qed jagħmlu qabel. Bħala eżempju, benefiċjarju Taljan li saritlu żjara matul l-awditu kklejmja li hu ma biddilx il-prattiki tiegħu tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'.

43. Fil-Greċja, l-objettiv iddikkjarat ta' għajnuna għall-qamħ durum huwa li jtejjeb il-kwalità. Għal dan il-fini, huwa jimponi ċerti kundizzjonijiet f'dak ir-rigward (żerriegħa ċċertifikata, il-metodu ta' produzzjoni AGRO 2), iżda ma hemm l-ebda stipulazzjoni li l-wiċċ tar-raba' kkultivat jew il-metodu ta' produzzjoni jridu jkunu nbidlu meta mqabbla mal-prattika preċedenti.

44. Fi Franza, is-sussidju tal-Artikolu 68 ħa post miżura ta' assigurazzjoni nazzjonali ekwivalenti, u b'hekk kważi rdoppja r-rata tas-sussidju. Id-*data* tiżvela li ż-żieda għolja ħafna fil-livell ta' għajnuna mill-2010 kellha biss impatt żgħir, b'xejn aktar minn żieda żgħira kemm fil-perċentwal tar-raba' assigurat kif ukoll fl-għadd ta' kuntratti. Għalhekk, b'mod essenzjali, dak li kien kważi irdoppjar ta' għajnuna pproduċa piż mejjet fil-forma ta' kuntratti li diġà eżistew u art li kienet diġà assigurata.

[30] Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2003 tal-Qorti dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali għal żoni żvantaġġati (ĠU C 151, 27.6.2003): il-Kummissjoni ma għandhiex biżżejjed evidenza biex turi li l-klassifikazzjoni ta' żoni żvantaġġati hija valida […]. Dan jista' jwassal għal klassifikazzjoni li ma ghadhiex iġġustifikata, […] u għaldaqstant għal allokazzjoni ta' għajnuna mhux iġġustifikata. Sussegwentement il-Kummissjoni ħejjiet proposta għall-perjodu 2014-2020 (KUMM(2009) 161 finali tal-21 ta' April 2009), iżda din għadha qed tiġi diskussa.

[31] Mill-miżuri kollha li kienu awditjati, l-unika eċċezzjoni kienet is-suppliment Franċiż għal żoni ġodda li jipproduċu l-legumi tal-għalf; madankollu, dan irrappreżenta baġit annwali totali ta› EUR 1 miljun biss.

[32] "L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1(b) (…) jista› jingħata biss sa fejn meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali ta› produzzjoni."

[33] Pereżempju, "titjib fil-kwalità ta› prodotti agrikoli" (l-Artikolu 68(1)(a)(ii)) u "titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta› prodotti agrikoli" (l-Artikolu 68(1)(a)(iii)).

ĠUSTIFIKAZZJONI INSUFFIĊJENTI GĦAR-RATI TA' GĦAJNUNA MAGĦŻULA

45. Ir-Regolament jeħtieġ biss ġustifikazzjoni parzjali tar-rati ta' għajnuna magħżula fil-każ ta' miżuri agroambjentali, li għalihom limitu massimu huwa ffissat[34]. Barra mid-diffikultà, enfasizzata mill-awditu, tal-iffissar ta' dan il-limitu b'mod affidabbli, ir-riskju li l-għajnuna tiġi stabbilita fil-baxx wisq biex tkun effettiva mhuwiex indirizzat[35]. Għal miżuri oħra, ir-Regolament ma jimponi l-ebda obbligu speċifiku biex jiġġustifika r-rati magħżula.

46. Madankollu, l-iffissar ta' għajnuna f'livell xieraq (la għoli wisq u lanqas baxx wisq) huwa fażi ewlenija fil-ġestjoni finanzjarja tajba.

47. Fil-biċċa l-kbira ta' każijiet[36] l-ebda dokumentazzjoni ma kienet disponibbli biex tippermetti feħim tal-għażliet li saru jew evalwazzjoni tal-effettività possibli tagħhom. Għall-kuntrarju, il-livelli ta' għajnuna ma kinux ir-riżultat ta' studju, lanqas wieħed superfiċjali, li seta' jagħmilha possibbli li tkun iġġustifikata r-rilevanza tagħhom. Minflok, dawn spiss waslu għalihom permezz ta' distribuzzjoni sempliċi tal-allokazzjoni tal-baġit (hi nfisha r-riżultat ta' negozjati politiċi) fost il-benefiċjarji probabbli.

48. Pereżempju, tnejn mit-tliet miżuri tan-nagħaġ/tal-mogħoż (il-Greċja u Franza) eżaminati ma ddokumentaw l-ebda rata. Skont liema Stat Membru kien, ir-rati kienu jvarjaw minn EUR 3 sa EUR 24 għal kull annimal, madankollu ma nstabet l-ebda informazzjoni biex tispjega b'mod razzjonali d-differenza f'ordni ta' kobor jew id-differenza possibbli fl-impatt.

49. Għal miżura waħda tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (l-Italja) li kienet waħda mill-każijiet li nstabu fejn saret analiżi ta' ħtiġijiet biex tiddetermina r-rata meħtieġa ta' għajnuna, il-livell magħżul fl-aħħar kien aktar baxx minn dak inizjalment stmat.

[34] "[…] u biss biex jitkoprew l-ispejjeż addizzjonali li jiġġarrbu realment u d-dħul mitluf sabiex jintlaħaq l-objettiv ikkonċernat" (l-Artikolu 68(2)(a)(i)).

[35] Ara wkoll ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011; "ġew identifikati problemi konsiderevoli fir-rigward tal-ammonti ta' għajnuna, li jvarjaw minn nuqqasijiet fil-mod ta' kif ġew ikkalkulati sa nuqqas ta' divrenzjar skont il-kondizzjonijiet lokali jew reġjonali tas-siti".

[36] 8 miżuri minn 11; għal miżuri ta' assigurazzjoni, il-livell ta' għajnuna ġie ffissat għall-perċentwal massimu (65 %) permess bir-regolament.

GĦODOD INSUFFIĊJENTI BIEX JIVVALUTAW L-EFFETTIVITÀ TAL-MIŻURI

50. Ir-Regolament Finanzjarju[37] jipprovdi li objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, jinkisbu, rilevanti u marbuta bil-ħin (SMART) għandhom ikunu ffissati għas-setturi kollha tal-attività koperta bil-baġit u l-ilħuq ta' dawk l-objettivi għandu jkun immonitorjat b'indikaturi tal-prestazzjoni għal kull attività. U skont standards ta' ġestjoni finanzjarja tajba aċċettati b'mod ġenerali, dawn l-indikaturi tal-prestazzjoni għandhom ikunu rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti (RACER).

51. Billi l-Artikolu 68 huwa biss qafas baġitarju mfassal biex jissodisfa diversi ħtiġijiet u firxa ta' objettivi, l-objettivi SMART u l-indikaturi tal-prestazzjoni RACER ma jistgħux jiġu ffissati b'mod fattibbli fil-livell tal-Artikolu 68 filwaqt li jittieħed kont tal-iskala u tad-diversità tal-miżuri differenti.

52. Il-Qorti sabet li n-nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku xieraq (l-iffissar ta' objettivi SMART u l-monitoraġġ ta' indikaturi RACER) ifixkel il-possibbiltajiet li tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-parti l-kbira tal-miżuri eżaminati f'varjetà ta' livelli (ara l-***Kaxxa 2***)[38].

53. F'dak il-kuntest, il-Qorti tinnota li l-pjan pluriennali tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali jipprevedi evalwazzjoni tal-miżuri tal-Artikolu 68 fl-2016/2017. Madankollu, kif spjegat hawn fuq, tali evalwazzjoni tkun rilevanti biss jekk tkun ibbażata fuq qafas xieraq ta' monitoraġġ li juża objettivi SMART u indikaturi tal-prestazzjoni RACER.

[37] L-Artikolu 27(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

[38] Fejn huma kkonċernati dawn il-miżuri agroambjentali, ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011 ikkonkluda "li l-objettivi stabbiliti mill-Istati Membri huma numerużi u mhux speċifiċi biżżejjed biex jiġi vvalutat jekk dawn intlaħqux jew le. […] Madankollu, kienu jeżistu problemi konsiderevoli fir-rigward tar-rilevanza u l-affidabbiltà ta' informazzjoni ta' ġestjoni. B'mod partikolari, kien hemm ftit wisq informazzjoni disponibbli rigward il-benefiċċji ambjentali tal-pagamenti agroambjentali." Fir-rigward ta' għajnuna akkoppjata għall-bhejjem, ir-Rapport Speċjali Nru 11/2012 ikkonkluda: "hemm dgħufijiet fis-sorveljanza (monitoraġġ) ta' indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin u fil-valutazzjoni tal-impatti soċjali u ambjentali aħħarin tal-iskemi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri […]".

KAXXA 2

EŻEMPJI TA' DGĦUFIJIET F'TERMINI TA' OBJETTIVI U INDIKATURI

Eżempji ta' objettivi mhux SMART

— **Għajnuna għall-qamħ durum**: Din l-azzjoni timmira biex ittejjeb il-kwalità tal-qamħ durum u għalhekk tissalvagwardja l-produzzjoni ta' dqiq ta' kwalità għolja għall-għaġin […].

— **Għajnuna għan-nagħaġ/għall-mogħoż**: Biex tappoġġa r-rwol tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż rigward it-twaqqif tat-tnaqqis fil-popolazzjonijiet rurali, l-istrutturar territorjali u ż-żamma tal-bijodiversità.

— **Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'**: Biex iżżid il-livelli ta' sustanzi organiċi fil-ħamrija, minħabba li l-ħrit fond ripetut tar-raba' tipiku tal-monokultura jikkawża l-mineralizzazzjoni ta' sustanzi organiċi […], filwaqt li jnaqqas il-fertilità tal-ħamrija u jikkawża r-rilaxx ta' ammonti kbar ta' CO_2 fl-atmosfera […] It-tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija […] Iż-żamma tal-bijodiversità.

Eżempji ta' ebda indikatur jew ta' indikaturi inadegwati

— **Għajnuna għaż-żamma ta' biedja organika**: Fid-deċiżjoni li nnotifikat lill-Kummissjoni, Franza rrappurtat li l-indikatur użat għal din il-miżura kien l-għadd ta' ettari taħt kultivazzjoni għall-produzzjoni organika. Madankollu, anke jekk ir-rilevanza ta' indikatur bħal dan hija aċċettata fi ħdan il-qafas usa' tal-pjan Franċiż "Biedja Organika fl-2012", mhuwiex speċifiku biżżejjed b'rabta mal-objettivi reali ta' din il-miżura (riskju ta' ritorn għall-biedja tradizzjonali), liema sempliċiment hija parti żgħira tal-pjan.

— **Drittijiet ġodda għal pagament uniku f'żoni żvantaġġati jew f'żoni muntanjużi**: L-ebda indikatur ma kien ipprovdut biex jivvaluta l-impatt ta' din il-miżura.

— **Għajnuna għall-uċuħ tal-proteini/Għajnuna għar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'**: L-uniku element disponibbli għal dawn il-miżuri huwa l-għadd ta' ettari li għalihom l-għajnuna qed tintalab u/jew qed tiġi mħallsa. Dan l-element jiżdied bi proporzjon mal-infiq, iżda mingħajr ma tiġi pprovduta ebda informazzjoni dwar l-impatt reali tal-miżuri sakemm huma kkonċernati l-objettivi finali stipulati (eż. rekwiżiti tal-input, fertilità/erożjoni tal-ħamrija).

KONTROLLI INADEGWATI JEW INSUFFIĊJENTI TAL-MIŻURI IMPLIMENTATI FIL-LIVELL TAL-ISTAT MEMBRU

54. Fi ħdan il-qafas legali ġenerali ffissat bir-Regolament Nru 73/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1120/2009, sett ta' kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà ġie stabbilit minn kull Stat Membru għal kull miżura. Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK, żviluppata fir-Regolament (KE) Nru 1122/2009) tipprovdi standards ta' kontrolli biex tiżgura l-konformità kemm mar-regoli ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi, notevolment permezz ta' kontrolli amministrattivi u verifiki fuq il-post. Għaldaqstant, kontroll effettiv tal-appoġġ tal-Artikolu 68 jippresupponi li is-SIAK qed topera b'mod effettiv (ara paragrafu 3). Madankollu, billi s-SIAK hija diġà suġġetta għal verifiki regolari mill-Qorti[39], l-awditu ma kienx maħsub biex jipprovdi opinjoni dwarha u biss l-aspetti speċifiċi għall-miżuri tal-Artikolu 68 li huma żviluppati hawn taħt.

DGĦUFIJIET FIS-SISTEMI AMMINISTRATTIVI TA' KONTROLL U ĠESTJONI

55. L-awditu tal-Qorti żvela diversi dgħufijiet fis-sistemi amministrattivi ta' kontroll u ġestjoni:

56. Fi Franza u fl-Italja, l-awtoritajiet nazzjonali ma setgħux jiddokumentaw l-eżistenza ta' proċeduri biex jevitaw ir-riskju ta' finanzjament duplikat ma' xi skemi oħra. Barra minn hekk, dgħufijiet fir-rendikont tal-entrati għamluha impossibbli għal ċerti verifiki amministrattivi awtomatiċi li jiġu verifikati mill-ġdid. Fl-aħħar nett, id-dokumenti li saru disponibbli f'uħud mill-fajls eżaminati ma pprovdewx appoġġ suffiċjenti għall-pagamenti mwettqa jew spjegazzjoni għall-anomaliji li nstabu, bħal dati anormali ta' pagamenti.

57. Għalkemm l-għajnuna għall-għalf tal-legumeni (Franza) hija riżervata għal żoni ġodda li preċedentement kienu miżrugħa bil-COP[40], ma saret l-ebda dispożizzjoni għal xi kontroll amministrattiv f'konformità ma' din il-kundizzjoni u, anke fil-każ ta' verifiki fuq il-post, l-ispezzjonijiet tad-dokument ma twettqux b'mod sistematiku. Madankollu, l-iżbalji li nstabu f'dan ir-rigward, flimkien man-nuqqas ta' ċarezza tal-formola ta' applikazzjoni għall-għajnuna, jaċċennaw għal rata għolja ta' żbalji għal din is-submiżura li ma nqabdux.

[39] Il-paragrafu 3.15 tar-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2011 (ĠU C 344, 12.11.2012).

[40] Ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tal-proteini.

58. Waħda mill-għajnuniet għan-nagħaġ (Franza) hija kundizzjonali għall-konformità mal-proporzjon tal-produttività, iżda l-ebda verifika amministrattiva ma ssir fuq din il-kundizzjoni, li huwa għalhekk ivverifikat biss waqt il-verifiki fuq il-post. F'każ wieħed ta' għajnuna għall-mogħoż, kien ingħata appoġġ għal sentejn wara xulxin abbażi ta' dokument ta' sostenn li wera li l-benefiċjarju ma ssodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa.

59. F'wieħed mir-reġjuni Spanjoli, interpretazzjoni ħażina tal-għajnuna għas-settur tal-ħalib fissret li l-benefiċjarji kienu ġew irrifjutati pagament għal għadd ta' annimali eliġibbli. Fl-istess waqt, żball fil-konfigurazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni rriżulta fil-komponent tal-erja superfiċjali tar-raba' addizzjonali ta' għajnuna li qed titħallas abbażi ta' kriterju li jmur kontra t-termini tal-miżura nazzjonali, għalkemm l-impatt kumplessiv finanzjarju kien limitat.

60. Barra minn hekk, l-awditu tal-kampjun ta' benefiċjarji magħżula enfasizza żbalji fil-bażi tad-*data* li ntużat biex tikkalkula l-għajnuna għas-settur tal-baqar (l-Italja).

61. Fil-każ speċifiku ta' miżuri biex jipprovdu appoġġ ta' assigurazzjoni, is-sistema ta' kontroll Franċiża tiddependi ħafna mid-*data* u mill-verifiki tal-assiguraturi. Dan l-approċċ, li huwa ġġustifikat mill-interess finanzjarju dirett tal-assiguraturi waqt li jiċċekkjaw id-*data* kuntrattwali li tipprovdi l-bażi għall-kalkolu tal-għajnuna[41], jippermetti forma prinċipalment awtorizzata ta' kontroll ċentralizzat. B'mod partikolari, dan għamilha possibbli li jitnaqqas l-għadd ta' verifiki fuq il-post b'mod sinifikanti.

62. B'kuntrast ma' dan, l-ebda sistema ekwivalenti li hija dipendenti fuq id-*data* tal-assiguraturi ma ġiet introdotta fl-Italja. Barra minn żieda fil-volum tax-xogħol amministrattiv, l-awditu enfasizza diversi disfunzjonijiet, bħas-sussidjar ta' primjums li jikkorrispondu għal valuri assigurati ffissati mill-benefiċjarju mingħajr ebda referenza għal produzzjoni attwali tal-passat jew xi forma ta' ġustifikazzjoni. Barra minn hekk, minħabba li l-għajnuna ġiet imħallsa qabel ma l-benefiċjarju kien ħallas il-primjum ta' assigurazzjoni, kien hemm l-irkupri.

[41] F'każijiet speċifiċi fejn il-bażi għall-kalkolu ta' għajnuna hija differenti mit-termini tal-kuntratt tal-benefiċjarju mal-assiguratur, din is-sistema tista' tispiċċa tkun inqas effettiva. Madankollu, anke f'dan ix-xenarju partikolari ir-riskju residwu nstab li huwa żgħir ħafna.

63. L-arranġamenti eżistenti biex jiġi pprovdut appoġġ ta' assigurazzjoni fi Franza mhumiex suffiċjenti biex jimmonitorjaw il-marġini tal-assiguraturi u, għalhekk, biex jimmonitorjaw l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' għajnuna għall-benefiċjarju finali (parti kruċjali biex tali evalwazzjoni probabbli tal-impatt għal perjodu aktar fit-tul). Meta l-grupp ta' assigurazzjoni li jipprovdi madwar 80 % tal-kuntratti sussidjati żied ir-rati tiegħu fl-2010, huwa assorba għalih innifsu porzjon sinifikanti tas-sussidju permissibbli taħt l-appoġġ tal-Artikolu 68.

DGĦUFIJIET FIL-VERIFIKI FUQ IL-POST

64. Verifiki fuq il-post imwettqa minn awtoritajiet nazzjonali jbatu minn diversi dgħufijiet kif żvela l-awditu tal-Qorti:

65. Fl-2010 fil-Greċja, l-awtoritajiet nazzjonali wettqu biss nofs il-verifiki fuq il-post għall-miżura tan-nagħaġ/tal-mogħoż li huma meħtieġa bir-Regolament. Barra minn hekk, madwar tliet kwarti ta' dawn il-verifiki ma kinux konformi, billi dawn ma twettqux matul il-perjodu obbligatorju taż-żamma tal-annimali[42].

66. Fl-Italja, ir-rata minima ta' verifiki fuq il-post ma nkisbitx fil-każ tal-miżura ta' assigurazzjoni (prinċipalment minħabba n-nuqqas totali ta' verifiki f'wieħed mir-reġjuni eżaminati). Anke meta l-verifiki stipulati ġew imwettqa, kienu limitati għal assoċjazzjonijiet tal-produtturi li aġixxew bħala intermedjarji u ma kien hemm l-ebda verifikazzjoni ta' assiguraturi jew benefiċjarji finali. Barra minn hekk, l-istatistika pprovduta għas-settur tal-ħalib biex turi l-konformità ma' dan l-obbligu tinkludi spezzjonijiet veterinarji, iżda l-verifiki mwettqa waqt dawn l-ispezzjonijiet la kienu definiti b'mod ċar u lanqas eżaminati. Fl-aħħar nett, l-informazzjoni meħtieġa għall-verifikazzjoni tal-għadd ta' verifiki fuq il-post ma setgħetx tinkiseb għall-miżura tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'.

67. F'żewġ Stati Membri (Spanja u l-Italja), instab li d-dati ta' wħud mill-verifiki fuq il-post dwar l-għajnuna skont l-erja kienu waslu tard wisq biex jippermettu l-ikkompletar ta' wħud mill-verifikazzjonijiet ewlenin meħtieġa għall-miżura tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' biex jiġu . F'wieħed miżżewġ każijiet, instab ukoll li xi verifiki kienu qed jitwettqu abbażi ta' immaġnijiet qodma bis-satellita meta immaġnijiet aktar reċenti kienu disponibbli.

[42] B'kuntrast ma' dan, Stat Membru ieħor li twettqitlu żjara evita dan ir-rekwiżit billi ma pprevediex perjodu obbligatorju taż-żamma waqt it-tfassil tal-miżuri tiegħu tal-annimali, u b'hekk l-obbligu li jwettaq il-verifiki kollha tiegħu jew uħud minnhom matul dak il-perjodu tas-sena safa inapplikabbli.

68. Instabu dgħufijiet (il-Greċja u Spanja) fir-rigward tal-ispezzjonijiet ta' dokumenti mwettqa matul il-verifiki fuq il-post dwar l-għajnuna għall-annimali u t-tnaqqis li kellu jiġi applikat f'każijiet fejn dokumenti importanti ta' sostenn kienu neqsin[43].

69. Finalment, ġie nnutat (fi Franza) li, meta verifika fuq il-post tidentifika problema strutturali li permezz tagħha jkun probabbli li l-benefiċjarju kien ineliġibbli matul is-snin preċedenti, ma hemm l-ebda proċedura għall-estensjoni tal-ambitu tal-verifika u għat-tentattiv ta' identifikazzjoni u rkuprar tal-ammont sħiħ li ma kellux jitħallas.

PIŻ TQIL TA' ĠESTJONI U KONTROLL

70. L-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi ġġib magħha piż speċifiku f'termini ta' ġestjoni (stabbiliment ta' sistemi *ad hoc*) u kontroll (notevolment, għadd ta' kontrolli, kif għandhom jiġu organizzati u liema verifikazzjonijiet għandhom jitwettqu), li jrid jittieħed kont tiegħu mill-bidu.

71. Fl-2011, l-awditu intern tal-Kummissjoni kien sab li l-Artikolu 68 ppreżenta riskji inerenti u li kien jeħtieġ li jiġi vverifikat bil-quddiem li l-miżuri implimentati jkunu kontrollabbli[44].

72. Problemi bħal dawk identifikati fil-każ tas-submiżura għall-legumi ġodda tal-għalf (il-paragrafu 57) u l-għajnuna għas-settur tal-ħalib (il-paragrafu 59), juru r-riskji involuti fl-istabbiliment skorrett ta' sistema *ad hoc* għal miżuri li huma allokati baġit żgħir (speċjalment meta huma intenzjonati li jkunu temporanji). B'kuntrast ma' dan, għall-miżura ta' għajnuna għall-qamħ durum (il-Greċja), verifiki amministrattivi sistematiċi kienu ġew introdotti[45] li, għalkemm huma meqjusa aktar effiċjenti, iġibu magħhom volum tax-xogħol għoli kemm għall-amministrazzjoni nazzjonali kif ukoll għall-benefiċjarji.

[43] Fejn huma kkonċernati miżuri għalll-bhejjem b'mod partikolari, il-bosta awditi mwettqa mill-unitajiet tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali għall-approvazzjoni tal-kontijiet wasslu għal konklużjonijiet li fis-sustanza, huma raġonevolment simili għal dawk tal-Qorti fl-aspetti li ġejjin: a) l-għadd u l-iskeda ta' żmien tal-verifiki fuq il-post (il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, ir-Rumanija, ir-Renju Unit); b) verifiki insuffiċjenti fuq il-post dwar id-dokumentazzjoni (il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, il-Polonja); c) reġistrazzjoni fqira tal-verifikazzjonijiet speċifiċi mwettqa matul il-verifiki fuq il-post (il-Bulgarija, Spanja, il-Litwanja); d) nuqqasijiet fl-aġġornament ta' bażijiet tad-data tal-annimali (il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija). Minkejja l-ammont ta' xogħol diġà mwettaq mill-Kummissjoni, instab li użu aktar sistematiku tad-*data* għad-dipożizzjoni tagħha seta' ġibed l-attenzjoni għal defiċjenzi oħra fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri.

[44] L-awditu kkonkluda li r-regolament ma jispeċifikax kif il-Kummissjoni tħares lejn il-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà artikolata u ma nħarġet l-ebda linja gwida. Nifhmu li kienet għażla intenzjonata (…) li tħalli kemm jista' jkun diskrezzjoni lill-Istati Membri. Madankollu (…) fin-nuqqas ta' gwida ċara ma jistax jiġi żgurat kontroll effettiv. Barra minn hekk jista' jkun diffiċli li jiġi vvalutat (…) jekk il-kontrolli humiex operati kif intenzjonat. Għalhekk aħna nistiednu (…) biex jiġu esplorati l-possibbiltajiet li tiġi żgurata aħjar il-kontrollabbiltà u l-verifikabbiltà tal-miżuri proposti tal-Artikolu 68, pereżempju billi jiġu adottati t-termini tal-leġiżlazzjoni attwali jew futura ta' wara l-2013 jew billi jinħarġu linji gwida addizzjonali.

[45] Limiti massimi awtomatiċi ta' għajnuna bi proporzjon ta' żerriegħa għal kull ettaru, b'kontroll sistematiku ta' fatturi u tikketti taż-żrieragħ għall-65 000+ applikanti kollha kemm huma.

73. Fir-rigward tal-kwantità, iż-żamma ta' appoġġ akkoppjat teħtieġ għadd kbir ta' verifiki fuq il-post, li huma għaljin ħafna għall-Istati Membri — anke jekk il-prezz rarament jiġi vvalutat. L-Artikolu 68 huwa responsabbli għal aktar minn 1,43 miljun applikazzjoni għall-għajnuna fl-Istati Membri kollha[46] . Għalkemm ir-rekwiżiti regolatorji ma ġewx issodisfati f'ċerti każijiet, madwar 110 000 verifika fuq il-post ġew imwettqa fir-rigward ta' dawn il-miżuri fl-2011.

74. Għalkemm uħud mill-kontrolli xorta jkunu meħtieġa kieku ma kien hemm ebda appoġġ speċifiku (verifikazzjonijiet tal-SPU, verifiki veterinarji, eċċ.), parti kbira mill-volum tax-xogħol tal-lum hija direttament marbuta mal-iskema.

75. Fir-rigward tal-kwalità, is-sejba li xi verifiki tal-erja kienu skedati b'mod fqir fir-rigward tal-verifikazzjonijiet meħtieġa mill-appoġġ akkoppjat (il-paragrafu 67) turi, min-naħa waħda li appoġġi speċifiċi jiġġeneraw limiti meta mqabbla ma' pagamenti uniċi, u min-naħa l-oħra li dawn il-limiti mhux dejjem jiġu kkunsidrati b'mod xieraq.

76. Barra minn hekk, id-diversi dgħufijiet ta' kontroll misjuba, pereżempju fir-rigward ta' verifikazzjoni inadegwati ta' dokumenti matul il-verifiki fuq il-post ta' għajnuna għall-bhejjem, juru li, sabiex ikunu effettivi, ħafna verifiki bħal dawn attwalment jeħtieġu li jiġu mtejba għal spiża jew piż addizzjonali (ara l-***Kaxxa 3***).

[46] Billi l-benefiċjarji jistgħu japplikaw taħt aktar minn miżura waħda, l-għadd totali ta' benefiċjarji mhuwiex immedjatament disponibbli.

KAXXA 3

TQABBIL TAL-LIVELL TA' GĦAJNUNA MAL-ISPEJJEŻ ASSOĊJATI: GĦAJNUNA GRIEGA GĦAN-NAGĦAĠ/GĦALL-MOGĦOŻ

L-ammont ta' għajnuna bażika huwa biss EUR 3 għal kull annimal. Il-benefiċjarji ta' din il-miżura jirċievu medja ta' madwar EUR 550.

Bi kważi 2 600 verifika fuq il-post imwettqa fl-2010, il-Greċja naqset bil-kbir milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-Regolament f'dan ir-rigward (4 800 verifika meħtieġa). Ara l-paragrafu 65.

Ġew skoperti nuqqasijiet fir-rigward tal-ispezzjoni ta' dokumenti matul dawn il-verifiki. B'mod partikolari, instab li ċerti dokumenti sempliċiment ma kinux jeżistu għalkemm, teoretikament, kellhom jiġu vverifikati sabiex il-verifiki jkunu validi. Il-benefiċjarju ġġustifika n-nuqqas ta' prova tal-imwiet tal-annimali permezz ta' ċertifikati veterinarji abbażi ta' spejjeż li kienu tqiesu minnu barra mill-proporzjon kollu għall-għajnuna riċevuta.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

77. L-awditu tal-Qorti żvela li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ taħt l-Artikolu 68 huma milquta minn diversi nuqqasijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-PAK il-ġdida.

78. L-Iskema ta' Pagament Uniku (SPU), introdotta fl-2003, kienet ibbażata fuq il-prinċipji ta' diżakkoppjar ta' pagamenti diretti mill-produzzjoni u ta' simplifikar tar-reġim ta' pagament ("pagament uniku"). Bħala deroga, l-Artikolu 68 jippermetti lill-Istati Membri jżommu pagamenti akkoppjati diretti "f'każijiet definiti b'mod ċar". Madankollu, l-awditu tal-Qorti ddivulga li l-Kummissjoni kellha ftit li xejn kontroll fuq il-ġustifikazzjoni għal tali każijiet u li l-Istati Membri kellhom grad għoli ta' diskrezzjoni fl-introduzzjoni ta' pagamenti akkoppjati diretti. B'riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 68 mhux dejjem kienet allinjata għalkollox mal-prinċipji ġenerali ta diżakkoppjar u simplifikar li issa jirregolaw il-Politika Agrikola Komuni (ara l-paragrafi 14 sa 26).

79. Il-Qorti sabet ukoll li m'hemmx evidenza suffiċjenti fl-Istati Membri li l-miżuri introdotti taħt l-Artikolu 68 huma meħtieġa jew rilevanti u dan f'termini tal-ħtieġa għalihom, l-effettività tat-tfassil tagħhom u l-livelli ta' għajnuna li jsiru disponibbli (ara l-paragrafi 31 sa 49). Objettivi u indikaturi insuffiċjenti se jfixklu l-valutazzjoni futura tal-miżuri (ara l-paragrafi 50 sa 53).

80. Fl-aħħar nett, il-Qorti indikat dgħufijiet fis-sistemi amministrattivi u ta' kontroll li kienu ġew stabbiliti biex jiġi żgurat li l-miżuri eżistenti ġew implimentati b'mod korrett. Dan kien minnu ugwalment għas-sistemi ta' ġestjoni, għall-kontrolli amministrattivi u għall-verifiki fuq il-post (ara l-paragrafi 55 sa 69). Tali dgħufijiet ġew innutati xi drabi minkejja l-piżijiet ta' ġestjoni u kontroll li huma diġà tqal, iżda għandhom mnejn jeħtieġu jkomplu jiżdiedu aktar jekk għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti (ara l-paragrafi 70 sa 76).

81. Fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-PAK "wara l-2013", il-proposta tal-Kummissjoni li qed tiġi diskussa issa tippermetti li jinżamm appoġġ speċifiku fil-forma ta' pagamenti akkoppjati, iżda mingħajr ma jiġu definiti b'mod suffiċjenti limiti preċiżi (ara l-paragrafi 27 sa 28)[47]. F'dan ir-rigward, il-Qorti għandha r-rekkomandazzjonijiet prinċipali li ġejjin:

[47] Ara wkoll l-Opinjoni Nru 1/2012 tal-Qorti.

RAKKOMANDAZZJONI 1

Appoġġ speċifiku għal ċerti attivitajiet agrikoli għandhom ikunu bbażati fuq fehim strett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 68 u l-għoti ta' tali appoġġ akkoppjat għandu jiġi ġġustifikat b'mod adegwat lill-Kummissjoni u ċċekkjat minnha.

(a) Sabiex tkun tista' tassumi r-responsabbiltà finali taħt is-sistema ta' ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni għandha jkollha rwol aktar attiv fl-istabbiliment tal-kriterji li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-miżuri.

(b) L-Istati Membri għandhom jiġu mitluba juru li tinħtieġ kull miżura ta' appoġġ speċifiku li għandhom l-intenzjoni jintroduċu (f'termini tal-ħtieġa għal u l-valur miżjud ta' approċċ ibbażat fuq id-derogi), rilevanti (f'termini ta' arranġamenti għall-implimentazzjoni, kriterji tal-għoti u livelli ta' għajnuna), u li tissodisfa l-kriterji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

RAKKOMANDAZZJONI 2

B'kont meħud tal-varjetà ta' miżuri possibbli, sistema xierqa ta' monitoraġġ (permezz tad-definizzjoni ta' indikaturi rilevanti li jistgħu jiġu evalwati kontra punt tat-tluq stabbilit u objettivi speċifiċi suffiċjenti) għandha tiġi stabbilita sabiex tiffaċilita l-evalwazzjoni sussegwenti.

RAKKOMANDAZZJONI 3

Ladarba l-miżuri jkunu ġew introdotti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u kontroll adatti u komprensivi biex jiżguraw li r-rekwiżiti kollha tar-Regolament jistgħu jiġu ssodisfati.

Sabiex tkun evitata l-ġenerazzjoni ta' spejjeż sproporzjonati fuq l-iskala limitata ta' miżura ta' appoġġ speċifiku, għandu jittieħed kont tar-rekwiżit għal monitoraġġ u kontroll diġà matul il-fażi ta' tfassil tal-miżura (is-sempliċità tal-implimentazzjoni, il-"kontrollabbiltà" tal-kriterji, eċċ.) u anke waqt id-deċiżjoni dwar jekk miżura partikolari għandhiex tiġi introdotta jew le.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Ioannis SARMAS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Settembru 2013.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ANNESS I

ENVELOP ALLOKAT LILL-ARTIKOLU 68 GĦALL-2010-2013, SKONT L-ISTAT MEMBRU U L-ATTIVITÀ (MINGĦAJR MIŻURI TAL-EKS ARTIKOLU 69)

(EUR miljun)

	Ħarsien jew titjib tal-ambjent 68(1)(a)(i)	Kwalità 68(1)(a)(ii)	Kummerċjalizzazzjoni 68(1)(a)(iii)	Benesseri tal-annimali 68(1)(a)(iv)	Benefiċċji agroambjentali 68(1)(a)(v)	Żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw tipi ta' biedja vulnerabbli 68(1)(b)	Jevitaw l-abbandun tal-art agrikola 68(1)(c)	Assigurazzjoni 68(1)(d)	Fondi komuni 68(1)(e)	TOTAL	
Franza	176	50			424	790		350	84	**1 874**	29 %
L-Italja		601			396			280		**1 277**	20 %
Spanja		126			270	402				**798**	12 %
Il-Greċja		152				160	120			**432**	7 %
L-Ungerija						185	218	15		**417**	7 %
Il-Polonja	82	58				155				**295**	5 %
Il-Finlandja	27	3				167				**196**	3 %
Il-Portugall	8	35			53	37				**133**	2 %
Ir-Rumanija		14				118				**133**	2 %
Ir-Repubblika Ċeka	4	19				104				**127**	2 %
Il-Pajjiżi l-Baxxi	27			55		8		32		**122**	2 %
Id-Danimarka	18				65	26				**109**	2 %
L-Irlanda	4					96				**100**	2 %
Il-Bulgarija		15				73				**88**	1 %
Ir-Renju Unit						60				**60**	1 %
L-Awstrija						52				**52**	1 %
Is-Slovenja						29	20			**50**	1 %
Is-Slovakkja						45				**45**	1 %
Il-Litwanja						36				**36**	1 %
Il-Belġju		4			8	18				**30**	0 %
Il-Latvja		1				20				**21**	0 %
L-Isvezja		6	1							**7**	0 %
L-Estonja						5				**5**	0 %
il-Ġermanja						4				**4**	0 %
TOTAL	**344**	**1 085**	**1**	**55**	**1 216**	**2 589**	**358**	**677**	**84**	**6 409**	**100 %**

Sors: DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali.
Nota: Meta jingħaddu flimkien, iċ-ċifri jistgħu ma jammontawx għat-totali minħabba l-arrotondament.

ANNESS II

SOMMARJU TAL-MIŻURI MAGĦŻULA FL-ISTATI MEMBRI MIŻJURA

IL-GREĊJA

Għajnuna għall-qamħ durum (introdotta taħt l-Artikolu 68(1)(a)(ii))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna skont l-erja għal kull ettaru għall-produzzjoni tal-qamħ durum li jissodisfa ċerti rekwiżiti tal-kwalità.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- L-użu ta' ċerti varjetajiet iċċertifikati taż-żerriegħa tal-qamħ durum.
- L-użu ta' kwantità minima ta' żerriegħa għal kull ettaru (80 kg/ha fl-2010, 100 kg/ha fl-2011).
- Ma twassalx finanzjament mill-miżura għall-iżvilupp rurali ekwivalenti (132).

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull ettaru)*

	Stima indikattiva[1]	Reali
2010	EUR 90/ha	EUR 69/ha
2011		EUR 80/ha

[1] Il-miżura ġiet introdotta fuq il-bażi ta' stima indikattiva kkalkulata skont il-baġit disponibbli u t-tbassir tal-parteċipazzjoni. Billi l-baġit huwa ammont massimu fiss, ir-rata realment imħallsa tista' tvarja skont il-parteċipazzjoni reali.

Għajnuna għan-nagħaġ/għall-mogħoż f'żoni żvantaġġati (l-Artikolu 68(1)(b))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna akkoppjata għan-nagħaġ u għall-mogħoż mogħtija għal merħliet li jinsabu fi jew li qed ipassu lejn żoni żvantaġġati jew żoni muntanjużi. Barra mill-għajnuna bażika, jiġi pprovdut suppliment għal annimali ta' "razza lokali" u rata ogħla tiġi mħallsa għal merħliet transumanti.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Nagħaġ u mogħoż femminili li jkollhom aktar minn sena età fil-31 ta' Diċembru.
- Perjodu obbligatorju taż-żamma mill-15 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru.
- Żamma ta' mill-anqas 50 femminil eliġibbli (nagħaġ jew mogħoż).
- Għajnuna bażika: il-lok ikun f'żona żvantaġġata jew muntanjuża.
- Suppliment għar-"razza lokali": annimali femminili li jappartjenu għal razza lokali speċifika għall-Greċja u li jidhru f'reġistru tal-bhejjem (is-suppliment għar-"razza lokali" ma jistax jiġi kkombinat mal-għajnuna għat-transumanza).
- Għajnuna għat-transumanza: transumanza ta' aktar minn 90 % tal-annimali għal minn tal-inqas 90 jum minn żona li mhijiex żvantaġġata għal żona żvantaġġata.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull annimal eliġibbli)*

Għajnuna bażika	EUR 3 / femminil eliġibbli
Suppliment għar-razza lokali	EUR 2 / femminil eliġibbli
Għajnuna għat-tramsumanza	EUR 4 / femminil eliġibbli

Fil-prattika, madwar 95 % tal-pagamenti jikkonsistu f'għajnuna bażika.

Drittijiet ġodda għal pagament uniku f'żoni żvantaġġati jew f'żoni muntanjużi (l-Artikolu 68(1)(c))

Deskrizzjoni ġenerali: Allokazzjoni ta' massimu ta' 4 drittijiet ġodda għal pagament uniku (SPEs) għal azjendi f'żoni żvantaġġati jew muntanjużi koperti mill-Programm għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Il-lok ikun f'żona klassifikata bħala aktar żvantaġġata jew muntanjuża.
- Żamma ta' mill-anqas 1 ha ta' art eliġibbli mingħajr SPEs assoċjati.
- Fil-prattika, minħabba l-baġit ristrett, ingħatat għajnuna lil għadd limitat ta' applikanti, ibbażata fuq sistema ta' punti fejn tingħata prijorità lil azjendi ġodda u/jew iżgħar.

Rata ta' għajnuna: Id-drittijiet ġodda għal pagament uniku jitħallsu b'rata ta' EUR 300/ha.

SPANJA

Għajnuna għar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' f'żoni ta' raba' bagħli (l-Artikolu 68(1)(a)(v))

Deskrizzjoni ġenerali: Din hija għajnuna skont l-erja għal kull ettaru li hija disponibbli għal raba' ddikjarata (sa 100 ha) li tinkludi ċerti perċentwali ta' wċuħ tar-raba' li jinħartu bħala alternattivi għaċ-ċereali u għat-twarrib. Għall-kuntrarju tat-titolu tagħha, il-miżura ma timponix b'mod dirett kundizzjonijiet fuq ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Il-benefiċjarju irid ikun ġie elenkat fl-2007 bħala koltivatur tal-uċuħ tar-raba' li jinħartu, bi drittijiet għall-irtirar jew għat-twarrib tal-art.
- Plottijiet ta' wċuħ tar-raba' li jinħartu f'żona tar-raba' bagħli, klassifikati bħala li jirrevedu anqas minn 2 t/ha.
- Jikkoltiva tal-anqas 20 % ta' wċuħ tar-raba' mhux taċ-ċereali (uċuħ tar-raba' taż-żrieragħ taż-żejt, uċuħ tar-raba' tal-proteini u legumi elenkati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali) u jikkonforma ma' rata ta' twarrib ta' 10-25 %, skont l-erja involuta.
- Suppliment 1: minimu ta' 25 % ta' wċuħ tar-raba' mhux taċ-ċereali biex jiġu kkoltivati.
- Suppliment 2: minimu ta' 25 % ta' legumi biex jiġu kkoltivati.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull ettaru)*

Għajnuna bażika	EUR 60/ha
Suppliment 1	EUR 20/ha
Suppliment 2	EUR 20/ha

Għajnuna għas-settur tal-ħalib f'żoni żvantaġġati (l-Artikolu 68(1)(b))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna diretta akkoppjata għall-baqar tal-ħalib f'żoni żvantaġġati. Il-pagament għandu l-limitu massimu ta' 100 annimal għal kull azjenda. Jingħata appoġġ addizzjonali lil bdiewa b'erja superfiċjali minima ta' raba' għall-għalf.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Azjenda bi kwoti tal-ħalib u li għandha l-bejgħ, li tinsab f'żona klassifikata bħala muntanjuża, b'popolazzjoni mnaqqsa jew b'limitazzjonijiet speċifiċi.
- Baqar tal-ħalib li għandhom età ta' aktar minn 24 xahar, identifikati b'mod korrett u kienu tal-benefiċjarju fit-30 ta' April (l-ebda perjodu obbligatorju taż-żamma).
- Komponent addizzjonali tal-erja tal-art: minimu ta' 0,4 ha ta' erja għall-għalf għal kull baqra eliġibbli.

Rati ta' għajnuna *(EUR kull annimal eliġibbli)*

		Ammonti indikattivi	Ammonti reali	
			2010	2011
Għajnuna bażika – żoni muntanjuża u b'limitazzjonijiet speċifiċi	L-ewwel 40 Is-60 li jmiss	60 48	59,15 47,32	59,41 47,52
Għajnuna bażika – żoni b'popolazzjoni mnaqqsa	L-ewwel 40 Is-60 li jmiss	49 40	48,57 38,56	47,85 38,28
Komponent addizzjonali tal-erja tal-art	L-ewwel 40 Is-60 li jmiss	55 44	38,88 27,22	38,55 26,98

Għajnuna għal-laħam tan-nagħaġ/tal-mogħoż (l-Artikolu 68(1)(b))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna akkoppjata għan-nagħaġ jew il-mogħoż mogħtija lil produtturi tal-laħam li qed jipparteċipaw f'azzjonijiet ta' grupp (eż. infrastruttura, kummerċjalizzazzjoni, taħriġ).

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Nagħaġ u mogħoż **mhux tal-ħalib** li għandhom aktar minn sena età (jew li diġà welldu) u li kienu tal-benefiċjarju fl-1 ta' Jannar (l-ebda perjodu obbligatorju taż-żamma).
- Jappartjenu lil grupp ta' produtturi li jissodisfa ċerti kriterji (eż. infrastruttura, kummerċjalizzazzjoni, taħriġ), jirrappreżenta tal-anqas 5 000 annimali tat-trobbija u huwa impenjat li jżomm 90 % ta' din il-merħla għal 3 snin.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull annimal eliġibbli)*

	Stima indikattiva	Reali
2010	EUR 4,30	EUR 5,03
2011		EUR 4,58

FRANZA

Għajnuna addizzjonali għall-uċuħ tal-proteini (l-Artikolu 68(1)(a)(i))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna għal kull ettaru biex tħeġġeġ il-biedja li tinvolvi proporzjon kbir ta' wċuħ tal-proteini, li jitqiesu bħala li jipprovdu vantaġġi ambjentali sinifikanti. Forma oħra ta' għajnuna ġiet introdotta aktar tard għal erjas ġodda tal-uċuħ legumeni tal-għalf li ma ntwerewx fid-dokumenti ta' ppjanar inizjalment mibgħuta lill-Kummissjoni.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Produzzjoni/varjetajiet eliġibbli: uċuħ tal-proteini (piżelli, fażola tal-għelieqi, lupini ħelwin) u legumi tal-għalf (xnien, silla, ħuxlief (sainfoin)).
- Kundizzjonijiet tat-tkabbir: tiżrigħ qabel il-31 ta' Mejju, żamma tal-uċuħ tar-raba' fi stat normali ta' tkabbir u kura, l-uċuħ tal-proteini li għandhom jinħasdu wara l-istadju ta' maturità lattika.
- Kriterji speċifiċi għal-legumi tal-għalf: tħawwil fuq plott miżrugħ is-sena preċedenti b'ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tal-proteini; l-ebda għajnuna ma tkun waslet taħt l-MAET.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull ettaru)*

	Uċuħ tal-proteini		Uċuħ legumeni	
	Stmata	**Reali**	**Stmata**	**Reali**
2010	EUR 150/ha	EUR 100/ha	-	EUR 13,5/ha
2011	EUR 125/ha	EUR 140/ha	-	EUR 16/ha
2012	EUR 100/ha	m/a	-	m/a

L-għajnuna għall-uċuħ tal-proteini hija deskritta bħala "addizzjonali" minħabba li, fl-2010 u fl-2011, ir-rati li jidhru hawn fuq ġew imħallsa b'żieda ma' ammont ta' EUR 56/ha taħt miżura akkoppjata eżistenti li ma ġietx irtirata qabel l-2012,

Is-submiżura ta' wċuħ legumeni tal-għalf tirrappreżenta biss EUR 1 miljun mill-EUR 40 miljun ibbaġitjati għall-miżura dwar uċuħ tal-proteini fl-2010 u fl-2011.

Għajnuna għaż-żamma tal-biedja organika (l-Artikolu 68(1)(a)(v))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna skont l-erja biex tappoġġja lill-bdiewa organiċi billi tikkumpensahom għall-ispejjeż żejda u n-nuqqasijiet mhux koperti b'mod adegwat mill-prezzijiet tas-suq.

Sa mis-sena tal-ħsad 2011, ġiet disponibbli t-tieni miżura, "Konverżjoni għal biedja organika" (***mhix magħżula bħala parti mill-awditu***): Din hija wkoll tip ta' għajnuna skont l-erja, b'rati ogħla għal art li tkun qed tiġi konvertita.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Issodisfar tal-ispeċifikazzjonijiet tal-biedja organika għal kull plott ta' art li għalih tintalab l-għajnuna (mhuwiex meħtieġ għall-plottijiet kollha li għandhom jintużaw għall-biedja organika).
- L-ebda għajnuna ma tkun waslet taħt l-AEM.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull ettaru)*

Ortikultura kummerċjali u koltivazzjoni tas-siġar	EUR 590/ha
Ħxejjex, dwieli, u pjanti li jipproduċu l-fwejjaħ, pjanti aromatiċi u mediċinali	EUR 150/ha
Uċuħ tar-raba' annwali (ċereali, eċċ.)	EUR 100/ha
Artijiet tal-bur u ġonna tal-qastan	EUR 80/ha
Art tax-xagħri, mergħat tas-sajf u mogħdijiet	EUR 25/ha (mill-2011)

Għajnuna għan-nagħaġ/għall-mogħoż (l-Artikolu 68(1)(b))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna akkoppjata għan-nagħaġ jew għall-mogħoż (laħam jew ħalib). Barra mill-għajnuna bażika, suppliment huwa disponibbli għan-nagħaġ abbażi ta' kriterji ta' kummerċjalizzazzjoni u għall-mogħoż abbażi ta' kriterji tas-saħħa.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- In-nagħaġ u l-mogħoż li għandhom aktar minn sena età (jew li diġà welldu) fi tmiem il-perjodu obbligatorju taż-żamma (jistgħu jiġu sostitwiti, taħt ċerti kundizzjonijiet, minn ħrief/gidjien femminili matul il-perjodu obbligatorju għaż-żamma tagħhom, sa massimu ta' 20 % tal-merħla totali ddikjarata).
- Perjodu obbligatorju taż-żamma ta' 100 ġurnata mill-1 ta' Frar.
- Minimu ta' 50 nagħġa eliġibbli jew 25 mogħża eliġibbli) fil-każ tal-mogħoż, l-għajnuna għandha l-limitu massimu ta' 400 annimal).
- Għan-nagħaġ, trid tkun saret konformità mal-proporzjon minimu tal-produttività (għadd ta' ħrief imwielda / nagħaġ preżenti) fis-sena n-1.
- Suppliment għan-nagħaġ: nissiela li huma membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi kummerċjali jew li ffirmaw kuntratti tal-kummerċjalizzazzjoni.
- Suppliment għall-mogħoż: nissiela li ffirmaw il-gwida għal prattiki tajbin għas-saħħa jew il-kodiċi komuni.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull annimal eliġibbli)*

	Stima indikattiva	Reali 2010	Reali 2011
Nagħaġ			
għajnuna bażika	21,00	20,58	20,76
suppliment	-	3,00	3,00
Mogħoż			
għajnuna bażika	13,00	8,93	8,75
suppliment	-	3,00	3,00

Assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (l-Artikolu 68(1)(d))

Deskrizzjoni ġenerali: Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-pagament ta' primjums għall-assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' biex tkopri t-telf ekonomiku kkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi.

Kundizzjonijiet prinċipali għall-eliġibbiltà

- Il-miżura hija limitata għal primjums għall-assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (pjanti).
- Il-kundizzjonijiet prinċipali huma stabbiliti fl-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1120/2009.

Rata ta' għajnuna: 65 % tal-parti eliġibbli tal-primjum, li hija r-rata massima permessa taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE.

L-ITALJA

Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (l-Artikolu 68(1)(a)(v))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna skont l-erja mogħtija lil bdiewa li jipprattikaw ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' kull sentejn fuq l-istess plott, fejn jalternaw bejn ċereali u proteini jew uċuħ tar-raba' li jtejbu l-ħamrija.

Kriterji ta' eliġibbilità

- Reġjuni eliġibbli: Abruzzo, Basilicata, Calabria, Campania, Lazio, Marche, Molise, Puglia, Sardinja, Sqallija, Toskana and Umbria.
- Varjetajiet eliġibbli: legumi u ċereali kif definiti fil-liġi nazzjonali.
- Sabiex ikunu eliġibbli, iż-żoni għandu jkollhom kejl tal-anqas 500 m^2.
- Ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' kull sentejn għandha tirrispetta ċ-ċikli li ġejjin:

Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' l-ewwel perjodu kull sentejn		Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' it-tieni perjodu kull sentejn		Eliġibbli
sena 1	sena 2	sena 3	sena 4	
ċereali	legumi	ċereali	legumi	Iva
ċereali	legumi	legumi	ċereali	Iva
legumi	ċereali	legumi	ċereali	Iva
legumi	ċereali	ċereali	legumi	Le

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull ettaru)*

	Rati massimi	Rati reali	Ettari kklejmati	Ettari eliġibbli
2010	EUR 100/ha	EUR 100/ha	902 490	888 877
2011	EUR 100/ha	*EUR 92/ha*[1]	m/a	m/a

[1] Fil-bidu tal-2012 ir-rata kienet għadha proviżorja, iffissata abbażi ta' żieda mistennija fl-għadd ta' applikanti.

Titjib tal-kwalità ta' prodotti agrikoli fis-settur tal-bovini (l-Artikolu 68(1)(a)(ii))

Deskrizzjoni ġenerali: Għajnuna diretta lil kull persuna mogħtija għall-għoġġiela ta' baqar li jreddgħu u li jew ikunu għaċ-ċanga jew inkella ta' użu doppju (laħam u ħalib). Il-miżura tinkludi primjum addizzjonali għall-qatla tal-baqar imrobbija f'konformità mal-protokolli tat-tikkettar tal-kwalità jew dwar azjendi li qed jipparteċipaw f'i skema ta' tikkettar DPO (denominazzjoni protetta ta' oriġini) jew IĠP (indikazzjoni ġeografika protetta) rikonoxxuta.

Kriterji ta' eliġibbiltà:

- L-għoġġiela jridu jew ikunu twieldu minn baqar li jreddgħu li jappartjenu lil razez speċifiċi li jidhru fir-reġistru tal-bhejjem jew baqar li jreddgħu ta' razez speċifiċi ta' skop doppju li jintużaw biss għal-laħam u huma rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tar-razez.
- Biex jinkiseb il-primjum għall-qatla, il-bdiewa jridu jkunu rabbew l-annimali f'konformità ma' kodiċi volontarju approvat jew ikunu parteċipanti fi skema ta' tikkettar tal-laħam ta' kwalità approvata mill-MIPAAF[1]. L-annimali maqtula jrid ikollhom età ta' bejn 12-il u 24 xahar u jridu jkunu trabbew mill-benefiċjarju għal tal-anqas 7 xhur.

Rati ta' għajnuna *(f'EUR għal kull annimal eliġibbli)*

		Baġit (elf EUR)	Rata indikattiva massima (EUR/kull persuna)	Rata finali (EUR/kull persuna)
Għoġġiela tal-baqar li jreddgħu	Baqar *primiparae*[1] taċ-ċanga li jidhru fir-reġistru tal-bhejjem	24 000	200	172,30
	Baqar *multiparae* taċ-ċanga li jidhru fir-reġistru tal-bhejjem		150	129,23
	Razez imħalltin li jidhru fir-reġistru		60	55,93
Għoġġiela taċ-ċanga	Konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tat-tikkettar volontarju	27 250	50	42,63
	PDPO/IĠP ċertifikata taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006[2]		90	76,73

[1] Baqar *primiparae* welldu darba biss, baqar *multiparae* welldu mill-anqas darbtejn.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU 93, 31.3.1991, p. 12).

[1] Ministeru tal-Politiki Agrikoli, l-Ikel u l-Forestrija.

ANNESS II

Assigurazzjoni (l-Artikolu 68(1)(d))

Deskrizzjoni ġenerali: Sussidji għal primjums għall-assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' mħallsa biex ikopru r-riskji tal-klima (silġ, irjieħ qawwijin, xita qawwija, eċċ.) jew mard tal-annimali jew tal-pjanti fil-każ ta' telf li jeċċedi t-30 % tal-produzzjoni annwali.

Kriterji ta' eliġibbilità

- Poloz ta' assigurazzjoni li ma jdumux aktar minn sena kalendarja u jinħarġu ma' kumpanija tal-assigurazzjoni awtorizzata (normalment dan isir permezz ta' assoċjazzjonijiet ta' produtturi (*Consorzi di Difesa*)).
- Tkun assigurata l-produzzjoni kollha ta' prodott speċifiku fuq ħabel wieħed jew aktar fl-istess muniċipju.
- Il-valur assigurat ta' kull prodott ma jistax jeċċedi l-prezzijiet ta' referenza ppubblikati kull sena fil-pjan ta' assigurazzjoni nazzjonali tal-Ministeru.
- L-appoġġ huwa kkalkulat fil-livell aktar baxx tal-primjums tal-assigurazzjoni mħallsa u l-ispiża tal-assigurazzjoni nozzjonali kkalkulata mill-ISMEA[2] abbażi tat-telf irreġistrat fl-istess muniċipji fil-ħames jew fis-sitt snin preċedenti.

Rata ta' għajnuna: 65 % tal-parti eliġibbli tal-primjum, li hija r-rata massima permessa taħt ir-regolament tal-UE.

Sal-2010, miżura nazzjonali kienet ipprovdiet għajnuna ekwivalenti b'rata ta' sussidju ta' 80 %.

[2] L-ISMEA (*Istituto di Servizi per il Mercato Agricolo Alimentare* – Istitut tas-Servizzi għas-Suq tal-Biedja u tal-Ikel) hija entità pubblika responsabbli mill-istatistika, l-istudji u l-analiżijiet fis-settur agrikolu.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I.
Minkejja li l-Artikolu 68 żied l-għadd ta' għanijiet li għalihom l-għajnuna tista' tingħata fi ħdan limitu massimu ta' 10 %, huwa introduċa wkoll limitazzjoni aktar stretta għal għajnuniet akkoppjati (massimu ta' 3.5 % tal-limiti massimi nazzjonali ta' SM).

IV.
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-implimentazzjoni ta' skema għal appoġġ speċifiku tinkludi l-possibbiltà li jingħataw pagamenti akkoppjati ma tixħetx dubju fuq l-orjentazzjoni ġenerali tal-iskema tal-pagamenti diretti lejn id-diżakkoppjament hekk kif din il-possibbiltà hija limitata (3.5 % tal-limitu massimu nazzjonali) u hija kompatibbli mar-regoli tad-WTO.

V.
Il-leġiżlatur qiesha bħala r-responsabbiltà esklussiva tal-Istati Membri biex jidentifikaw tipi ta' setturi ta' biedja jew agrikoli li għandhom jiġu appoġġjati minn miżuri skont l-Artikolu 68. Kienu maħsuba li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiġu identifikati reġjuni jew setturi b'diffikultajiet fuq it-territorju tagħhom u li jiffissaw il-prijoritajiet fost il-ħtiġijiet varji għal appoġġ immirat.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK post-2013 tipprevedi t-twaqqif ta' qafas komuni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni, inklużi l-miżuri tal-ewwel u t-tieni pilastru.

VI.
Kif rikonoxxut mill-Qorti fin-nota tagħha ta' qiegħ il-paġna 44, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat bosta punti ta' dgħufija fil-qafas tal-approvazzjoni tal-proċedura tal-kontijiet. Uħud mid-dgħufijiet jikkonċernaw għadd limitat ħafna ta' benefiċjarji u ma jindikawx dgħufijiet ġenerali sistematiċi.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

VII.
Il-proposta tal-Kummissjoni "il-PAK post-2013" fir-rigward appoġġ akkoppjat volontarju hija soġġetta għal għadd ta' limiti: lista ta' setturi u produzzjonijiet eliġibbli, limiti kwantitattivi definiti, perċentwal limitat tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru għal pagamenti diretti, l-approvazzjoni tal-Kummissjoni 'l fuq minn ċertu livell ta' perċentwal bħal dan, il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ (li għad iridu jiġu speċifikati minn atti delegati).

VII. (a)
Fil-PAK post-2013, l-Istati Membri se jkollhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar reġjuni fil-mira, it-tipi magħżula ta' biedja jew setturi u l-livell ta' appoġġ li jkun ingħata. Billi jsir hekk, huma se jiddeskrivu r-raġunijiet għaliex huwa previst appoġġ akkoppjat u liema huma l-effetti mistennija.

Fejn id-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru timplika deroga mill-perċentwal bażiku tal-limitu massimu nazzjonali, deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolari fir-reġjun fil-mira u tal-karatteristiċi partikolari tat-tipi ta' biedja jew setturi speċifiċi li jiġġustifikaw iż-żieda fil-livell ta' appoġġ se tkun meħtieġa. Meta d-deċiżjoni tal-Istat Membru hija soġġetta għall-approvazzjoni, restrizzjonijiet speċifiċi bħalma huma n-nuqqas ta' alternattivi jew il-ħtieġa li tkun ipprovduta provvista stabbli lill-industrija lokali tal-ipproċessar għandha tintwera.

VII. (a) L-ewwel inċiż
'konformità mal-kompromess politiku (ftehim preliminari mal-koleġiżlaturi) fil-kuntest tar-riforma tal-PAK post-2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna permezz ta' atti delegati.

L-għan tal-Kummissjoni huwa li tintroduċi simplifikazzjoni ċara meta mqabbla ma' appoġġ speċifiku attwali hekk kif l-appoġġ akkoppjat volontarju se jirreferi biss għal wieħed mid-disa' miżuri eżistenti skont l-Artikolu 68. Dan ifisser li minkejja l-lista ta' setturi eliġibbli se tkun aktar estiża minn qabel, in-numru u d-diversità tal-għanijiet tal-appoġġ huma ristretti għal kategorija waħda (jiġifieri l-vulnerabbiltà ekonomika ta' ċerti tipi ta' biedja). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan se jnaqqas ir-riskju ta' duplikazzjoni u l-akkumulazzjoni ta' appoġġ.

VII. (a) It-tieni inċiż
Taħt is-setgħat li l-Kummissjoni ngħatat permezz ta' atti delegati, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ se jiġu ddefiniti.

Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri se jkollhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar reġjuni fil-mira tat-tipi magħżula ta' biedja jew setturi u l-livell ta' appoġġ li jkun ingħata. Billi jsir hekk, huma se jiddeskrivu r-raġunijiet għaliex huwa previst appoġġ akkoppjat u liema huma l-effetti mistennija.

Fejn id-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru timplika deroga mill-perċentwal bażiku tal-limitu massimu nazzjonali, se tkun meħtieġa deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolari fir-reġjun fil-mira u tal-karatteristiċi partikolari tat-tipi ta' biedja jew setturi speċifiċi li jiġġustifikaw iż-żieda fil-livell ta' appoġġ. Meta d-deċiżjoni tal-Istat Membru hija soġġetta għall-approvazzjoni, ħtiġijiet speċifiċi bħan-nuqqas ta' alternattivi jew il-ħtieġa li tkun ipprovduta provvista stabbli lill-industrija lokali tal-ipproċessar għandhom jintwerew.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

VII. (b)
Ir-regoli ta' implimentazzjoni li għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni se jipprovdu għal obbligi għall-Istati Membri li perjodikament jinformaw dwar l-utilizzazzjoni attwali tal-miżuri implimentati. Dawn l-obbligi huma meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex iħarsu l-obbligu tagħha li tirrapporta regolarment lid-WTO billi appoġġ akkoppjat huwa kkonċernat bħala deroga mill-orjentazzjoni diżakkoppjata globali tal-iskemi ta' pagamenti diretti.

Informazzjoni minima se tkun meħtieġa fuq in-numru ta' applikazzjonijiet ippreżentati taħt kull tip ta' miżura ta' sostenn u fuq l-ammonti li tħallsu realment kif ukoll l-għadd ta' benefiċjarji għal kull reġjun, is-settur u/jew it-tip ta' biedja f'kull Stat Membru.

Tali komunikazzjonijiet se jippermettu lill-Kummissjoni biex issegwi l-implimentazzjoni attwali tal-iskema għall-miżuri kollha ta' appoġġ implimentati irrispettivament mis-settur ikkonċernat kif ukoll il-konformità mal-limiti baġitarji ffissati.

B'mod aktar ġenerali, kompromess politiku jinkludi t-twaqqif ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni, inklużi l-miżuri tal-ewwel u t-tieni pilastru.

VII. (c)
L-Istati Membri huma responsabbli sabiex jiddeċiedu u jfasslu l-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu implimentati u se jkollhom jiżguraw li tali miżuri huma verifikabbli u kontrollabbli. Għalhekk, huma għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż ta' ġestjoni u kontroll li jirriżultaw mill-implimentazzjoni possibbli ta' miżuri ta' appoġġ akkoppjati u l-ħtieġa possibbli li jitwaqqfu sistemi ta' kontroll *ad hoc*.

OSSERVAZZJONIJIET

15.
Miżuri akkoppjati ta' bhejjem huma disponibbli skont l-Artikolu 68(1)(b), li jkopri lista limitata ta' setturi inklużi taċ-ċanga u l-vitella u s-setturi tan-nagħaġ u l-mogħoż għal tipi vulnerabbli ta' biedja. L-introduzzjoni ta' tali appoġġ mhuwiex awtomatiku hekk kif l-Istati Membri li jiddeċiedu li jintroduċu tali appoġġ għandhom jidentifikaw ħtieġa u mira għat-tipi vulnerabbli ta' biedja f'dawk is-setturi. F'dan il-qafas xejn ma jżomm Stat Membru biex ikompli jimplimenta l-miżura ta' appoġġ meqjusa xierqa għall-għan definit.

Tweġiba komuni għal 16 u 17
Il-possibbiltà offruta lill-Istati Membri li jintroduċu pagamenti akkoppjati ma tixħetx dubju fuq l-orjentazzjoni ġenerali tar-riforma tal-PAK tal-2003 lejn id-diżakkoppjament, billi hija limitata għal massimu ta' 3.5 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti.

18.
Ir-riskju ta' żieda fl-użu ta' diżakkoppjament parzjali ġie mtaffi hekk kif il-kundizzjonijiet stabbiliti għal appoġġ speċifiku skont l-Artikolu 68-72 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma iktar restrittivi minn dawk applikabbli fil-kuntest tal-Artikolu 69 preċedenti, u l-miżuri agroambjentali huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

19.
Il-marġini tal-apprezzar fir-rigward tal-kunċett ta' "każijiet definiti b'mod ċar" msemmija fil-Premessa 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 hija ristretta bl-Artikoli 68, 70, 71 u 72 tar-Regolament kif ukoll fl-Artikoli 37 sa 49 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 u fir-Regolament (KE) Nru 1122/2009 fir-rigward tal-verifika tagħha.

Tweġiba komuni għal 20 u 21
Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Istati Membri huma obbligati li jinnotifikawha bid-deċiżjoni biex jimplimentaw miżuri speċifiċi ta' appoġġ. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tiffissa l-limitu massimu tal-baġit annwali applikabbli. Barra minn hekk, minbarra l-approvazzjoni speċifika tal-Kummissjoni meħtieġa għal miżuri agroambjentali, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-miżuri kollha notifikati sabiex tiskopri problemi ewlenin possibbli ta' kompatibbiltà mal-qafas legali applikabbli.

22.
Ara t-tweġiba għall-Kaxxa 1.

Kaxxa 1
Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' appoġġ għall-"Ambjent" u l-"agriambjent" huma distinti b'mod ċar.[1] Il-miżuri "agriambjent" huma soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi u limitu ta' 10 % tal-limitu massimu nazzjonali tal-SM; huma wkoll approvati mill-Kummissjoni. Dawn ir-rekwiżiti huma simili għal dawk applikabbli għal miżuri agroambjentali ekwivalenti inklużi fil-programmi tal-iżvilupp rurali. Il-miżuri għall-"ambjent" jagħtu iktar flessibbiltà lill-Istati Membri, minħabba li dawn mhumiex soġġetti għall-istess rekwiżiti filwaqt li jkunu soġġetti għal limitu massimu aktar limitat[2].

[1] Kif stipulat rispettivament fl-Artikolu 68(1)(a)(i) u (v) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u l-Artikoli 40, 44 u l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1120/2009.

[2] 3.5 % tal-limitu massimu nazzjonali ta' SM, kif previst fl-Artikolu 69(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

24.
Tmienja mid-disa' tipi ta' miżuri mhumiex soġġetti għall-ebda approvazzjoni tal-Kummissjoni.

In-notifiki jsiru skont l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1120/2009, li jfisser li ma fihomx l-informazzjoni kollha dettaljata dwar il-miżuri. B'mod ġenerali, ir-regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali huma aktar dettaljati mill-informazzjoni nnotifikata lill-Kummissjoni. Dan ġie nnutat matul il-verifiki mwettqa mill-Kummissjoni fl-Istati Membri fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

26.
Id-Danimarka inizjalment nnotifikat il-miżura kkonċernata skont l-Artikolu 68 (1) (a) (v) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 li tipprovdi għal kumpens għal impenji agroambjentali. Madankollu, fl-evalwazzjoni tal-miżura deher illi l-miżura maħsuba kienet fil-fatt miżura ta' investiment immirata lejn it-tħawwil ta' uċuħ tar-raba' għall-enerġija u mhux bħala miżura agroambjentali. Bħala konsegwenza, id-Danimarka rriformolat il-miżura sabiex tkun kompatibbli mal-Artikolu 68 (1) (a) (i).

27. (a)
L-għan tal-Kummissjoni huwa li tintroduċi simplifikazzjoni ċara meta mqabbla mal-appoġġ speċifiku attwali hekk kif l-appoġġ akkoppjat volontarju se jirreferi biss għal wieħed mid-disa' miżuri eżistenti skont l-Artikolu 68. Dan ifisser li minkejja li l-lista ta' setturi eliġibbli se tkun aktar estiża minn qabel, in-numru u d-diversità tal-għanijiet tal-appoġġ huma ristretti għal kategorija waħda (jiġifieri l-vulnerabbiltà ekonomika ta' ċerti tipi ta' biedja). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan se jnaqqas ir-riskju ta' duplikazzjoni u l-akkumulazzjoni ta' appoġġ.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

27. (c) (i)
Soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni, hija r-responsabbiltà esklussiva tal-Istati Membri li jidentifikaw tipi ta' biedja jew setturi agrikoli li jgħaddu minn ċerti diffikultajiet li għandhom jiġu appoġġjati. Dawn huma maħsuba li jitqiegħdu fl-aħjar pożizzjoni biex jiġu identifikati reġjuni jew setturi b'diffikultajiet fuq it-territorju tagħhom u li jiġu mwaqqfa l-prijoritajiet fost ir-rekwiżiti varji għal appoġġ immirat, filwaqt li jitqies ukoll is-settur tal-ispeċjalizzazzjoni tar-reġjuni.

27. (c) (ii)
Barra minn hekk, l-appoġġ għandu jingħata f'limiti kwantitattivi definiti u jkun ibbażat fuq żoni u rendimenti fissi jew fuq għadd fiss ta' annimali.

28.
Il-kunċett ta' "diffikultajiet" se jkun speċifikat permezz ta' atti delegati.

Barra minn hekk, il-fatt li ħafna mill-miżuri ta' appoġġ akkoppjati attwalment fis-seħħ jistgħu jinżammu, fil-prinċipju ma tistax tiġi kkritikata, sakemm huma meqjusa xierqa li jintlaħqu għan speċifiku identifikat mill-Istat Membru.

Tweġiba komuni għal 31 u 32
Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu fejn appoġġ akkopjat jew diżakkoppjat huwa l-aktar mezz xieraq biex jintlaħaq l-għan definit. Huma għandhom jinnotifikaw il-miżuri li bi ħsiebhom jimplimentaw lill-Kummissjoni, u jiddeskrivu b'mod partikolari l-ħtieġa identifikata fuq it-territorju tagħhom u r-raġunijiet għall-għoti tal-appoġġ.

Dawn il-miżuri mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

33.
Fi Spanja ma hemm l-ebda dejta statistika uffiċjali disponibbli relatata speċifikament mat-tendenza tal-wiċċ fuq għelejjel taċ-ċereali, oleaġinużi, proteiċi u leguminużi fl-oqsma fejn il-miżura hija applikabbli (żoni b'rendiment taċ-ċereali b'inqas minn 2 tunnellati/ettaru). Madankollu, il-miżura bħala tali, li għandha bħala l-għan tagħha l-promozzjoni ta' għelejjel alternattivi għaċ-ċereali, li jirrispettaw ċerta rata mqiegħda apparti, tirrappreżenta benefiċċju għall-ambjent peress li din tagħti kontribut pożittiv lejn il-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali (l-ilma u l-ħamrija).

34.
Dawn il-miżuri mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

35.
Hekk kif il-biedja organika hija inqas profittabbli u teknikament aktar eżiġenti, xi operaturi qegħdin jerġgħu jmorru lura għall-agrikultura konvenzjonali (pereżempju, fl-2005/2006 kien hemm tnaqqis ta' 1 % fl-"uċuħ organiċi" ċċertifikati — minn 504,536 ettaru għal 499.589 ettaru – u 0.5 % fl-2006/2007 – minn 499,589 ettaru għal 497,314 ettaru[1]). Iċ-ċifri jistgħu jidhru li huma baxxi, imma r-riskju huwa reali ħafna, speċjalment fid-dawl tax-xejra ta' żieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli. Sadanittant, iż-żewġ miżuri ta' konverżjoni għal u l-ħarsien tal-biedja organika bdew b'suċċess kbir. Mill-2008, kien hemm tluq reali tal-miżura ta' manutenzjoni. Fl-2008/2009 l-uċuħ organiċi ċċertifikati żdiedu b'4.7 %, filwaqt li l-uċuħ organiċi fil-fażi ta' konverżjoni żdiedu b'86.2 %. Madankollu, dan ma jfissirx li r-riskju ta' abbandun ma għadux hemm.

Tweġiba komuni għal 36 u 37 (inkluża n-nota ta' qiegħ il-paġna 27)
Fuq il-bażi tal-analiżi tagħhom tal-ħtiġijiet ta' appoġġ speċifiku, l-Istati Membri għandhom jagħżlu, fost il-miżuri offruti mill-iskema, dawk li jippermettu li jindirizzaw aħjar l-għan iffissat u li jagħtu livell xieraq ta' appoġġ meta wieħed iqis il-limiti varji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni għal kull tip ta' miżura kif ukoll il-karattru akkoppjat jew diżakkoppjat tal-pagament (3.5 % jew 10 % bħala limitu). Hija r-responsabbiltà tagħhom li jikkunsidraw liema tip ta' appoġġ huwa aktar xieraq biex jiġi indirizzat il-bżonn identifikat u l-għan definit.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

38.
F'għadd ta' każijiet, fil-qafas tal-valutazzjoni tagħha tal-miżuri, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri sabiex itejbu u jispeċifikaw l-immirar tal-appoġġ.

39.
Għal miżuri skont l-Artikolu 68(1)(a)(i), ir-responsabbiltà li tidentifika l-ħtieġa, li tiffissa l-għan u t-tfassil tal-kejl kif jixraq jappartjeni lill-Istat Membru. Għal miżuri skont l-Artikolu 68(1)(a)(v), l-istess responsabbiltà tal-Istat Membru hija soġġetta għal valutazzjoni tal-Kummissjoni, inkluż dwar ir-rabta kawżali bejn l-appoġġ u l-għanijiet, fid-dawl tal-approvazzjoni.

40.
Dawn il-miżuri mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

41.
Miżuri skont l-Artikolu 68(1)(a),(ii),(iii),(iv) u (v) biss jirreferu speċifikament għal għan għaż-żieda jew it-titjib ta' fattur partikolari, jiġifieri "sitwazzjoni eżistenti li tinbidel" kif iddikjarat mill-Qorti. Il-Kummissjoni tfakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE stabbilit il-prinċipju li l-appoġġ speċifiku m'għandux jikkumpensa għall-osservazzjoni ta' rekwiżiti mandatorji. B'mod aktar speċifiku, prattiki sabiex jitjiebu l-istandards tal-benesseri tal-annimali għandhom imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE jew f'dik nazzjonali applikabbli. Prekundizzjoni simili tapplika għal miżuri agroambjentali. Għall-kwalità, il-bidwi għandu jgħaqqad skemi eżistenti tal-UE jew nazzjonali sabiex jintgħażlu jew jiġu definiti mill-Istati Membri. Ir-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni huma definiti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar informazzjoni u promozzjoni. Il-Kummissjoni ma qabditx a priori, fin-notifiki tal-Istati Membri, każijiet fejn ingħata appoġġ mingħajr ebda referenza għal bidla fis-sitwazzjoni eżistenti. Għall-għan tal-kejl ta' dik il-bidla, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu linji ta' referenza xierqa għall-miżura ta' appoġġ li għandha tiġi implimentata.

42.
Fil-każ tal-Italja tal-miżura dwar it-tinwib tal-uċuħ tar-raba' Taljana, analiżi ta' tal-prattika normali tal-biedja fir-reġjuni kkonċernati kienet mitluba mill-Kummissjoni qabel l-approvazzjoni tal-miżura. Wara din l-analiżi, il-proposta inizjali Taljana dwar it-tinwib tal-uċuħ tar-raba' inbidlet għal waħda kull sentejn.

Il-miżura proposta minn Spanja tikkontribwixxi għaż-żamma ta' xi prattiki kulturali tradizzjonali li huma tajbin għall-ambjent. Fin-nuqqas tal-għajnuniet proposti fil-miżura agroambjentali hemm riskju ta' abbandun ta' dawk il-prattiki kulturali. B'konsegwenza ta' dan, il-bdiewa se jsegwu l-monokultura ta' għelejjel taċ-ċereali li huma inqas ta' benefiċċju għall-ambjent.

43.
F'dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' dispożizzjoni tal-għelejjel imkabbrin jew il-metodu ta' produzzjoni jrid ikun inbidel meta mqabbel mal-prattika preċedenti, il-Kummissjoni tirrimarka li mhuwiex neċessarjament nuqqas, iżda li jista' jirriżulta mir-rekwiżiti tal-iskema tal-kwalità ddefinita bħala eliġibbli mill-Istat Membru.

Tweġiba komuni għal 45 u 46

L-iffissar tal-livell ta' appoġġ tħalliet mil-leġiżlatur f'idejn l-Istati Membri, li kienu maħsuba li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeterminaw il-livell ta' appoġġ xieraq biex jindirizzaw il-ħtieġa identifikata u l-għan definit. Il-livell ta' appoġġ ikkalkulat mill-Istat Membru għal għan tan-notifika huwa indikattiv.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Tweġiba komuni għal 47 u 48
Dawn il-miżuri mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

49.
Fil-każ tal-Italja, il-kalkoli ġew riveduti wara l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ttieħdet fuq il-bażi tal-bidliet notifikati mill-Italja għall-miżura li fiha l-kalkoli ċċertifikati ta' spejjeż addizzjonali u dħul mitluf ammontaw għal EUR 101 u EUR 100 rispettivament għaż-żewġ makroreġjuni Taljani li għalihom il-miżura kienet ġiet proposta.

52.
B'mod ġenerali, il-fatt li ma hemm l-ebda indikaturi RACER ma jfissirx li ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli li tista' tintuża għall-evalwazzjoni tal-politika. Barra minn hekk, filwaqt li l-indikaturi jistgħu jikkontribwixxu għall-valutazzjoni ta' politika, jeħtieġ li jiġu interpretati b'attenzjoni mal-kuntest. F'dan is-sens, l-ispejjeż u l-benefiċċji għal qafas ta' indikatur dettaljat iridu jiġu studjati bir-reqqa, minħabba approċċi oħra (eż. aktar tekniki kwalitattivi jew metodi mħallta) jistgħu joffru valur aħjar għall-flus.

Kaxxa 2 — Eżempji ta' ebda indikaturi jew indikaturi inadegwati
Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 52.

Kaxxa 2 — L-ewwel inċiż
L-għan ta' din il-miżura huwa li tappoġġja l-bdiewa li jipprattikaw il-biedja organika bl-għoti ta' kumpens għal spejjeż addizzjonali u telf ta' dħul, billi mhumiex sostnuti biżżejjed mill-prezzijiet tas-suq. Madankollu, din il-miżura bażikament tindirizza kwistjonijiet ambjentali, u għal din ir-raġuni, l-indikatur tan-"numru ta' ettari taħt kultivazzjoni għall-produzzjoni organika" huwa l-aktar xieraq.[3]

Barra minn hekk, dan l-indikatur huwa konsistenti mal-Indikaturi Komuni għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni ta' Programmi ta' Żvilupp Rurali 2007-2013-CMEF.

[3] Hemm żewġ tipi ta' indikaturi fl-istatistika Franċiża li jintużaw fil-biedja organika: In-"numru ta' ettari taħt kultivazzjoni għall-produzzjoni organika" (liema perjodu ta' tranżizzjoni għadda), u n-"numru ta' ettari f'tranżizzjoni".

Kaxxa 2 — It-tielet inċiż
Minħabba rotazzjoni tal-għelejjel u dawk li fihom il-proteini huma ta' benefiċċju minn perspettiva ambjentali, innumru ta' ettari msemmija mill-Qorti huwa dejta essenzjali. Madankollu, biex jiġi evalwat l-impatt tal-PAK fuq l-ambjent, tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali. Dan huwa previst fis-sistema ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-PAK post-2013.

53.
Fiż-żmien tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-mistoqsijiet rilevanti tal-evalwazzjoni. Informazzjoni ta' sorveljanza hija element wieħed li fuqu l-evalwatur jista' jibbaża l-analiżi tiegħu; madankollu, hemm ukoll sorsi oħra ta' informazzjoni u għodod bħal kwestjonarji mmirati, stħarriġ jew dejta statistika li l-evalwatur jisa' juża biex jevalwa l-impatt tal-politika.

55.
Kif rikonoxxut mill-Qorti fin-nota tagħha ta' qiegħ il-paġna 44, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat bosta punti ta' dgħufija fil-qafas tal-approvazzjoni tal-proċedura tal-kontijiet. Uħud mid-dgħufijiet jikkonċernaw għadd limitat ħafna ta' benefiċjarji u ma jindikawx dgħufijiet ġenerali sistematiċi.

56.
L-Istati Membri għandhom, skont il-leġiżlazzjoni, jiżguraw li l-miżuri tal-appoġġ speċifiku li jimplimentaw ikunu jistgħu jiġu vverikati u kkontrollati.

Bil-għan li jiġi indirizzat ir-riskju ta' finanzjament doppju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li bidwi jirċievi appoġġ għal operazzjoni speċifika taħt miżura waħda biss. Il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet Franċiżi u Taljani jkollhom fis-seħħ kriterji ta' demarkazzjoni biex jiġi evitat finanzjament doppju kemm mill-Artikolu 68 u mill-Iżvilupp Rurali. Pereżempju, aktar minn 10 % tal-applikazzjonijiet għal "konverżjoni għal biedja organika" ġew irrifjutati fi Franza fl-2011 minħabba li l-applikanti kienu diġà benefiċjarji ta' miżura għall-Iżvilupp Rurali.

Diversi dgħufijiet diġà ġew identifikati mill-Kummissjoni u huma soġġetti għal verifiki kontinwi. Speċifikament, firrigward tat-tinwib tal-uċuħ tar-raba' fl-Italja, l-osservazzjoni tal-Qorti għandha tkun evalwata mill-Kummissjoni f'verifika li jmiss.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

57.
Din id-dgħufija diġà ġiet identifikata mill-Kummissjoni u hija soġġetta għal verifika kontinwa AA/2011/010/FR.

58.
In-nuqqas ta' kontrolli amministrattivi tal-proporzjon ta' produttività fir-rigward tal-għajnuna għan-nagħaġ fi Franza ġiet identifikata u qiegħed ikun segwit mill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà.

59.
L-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-għajnuna għas-settur tal-ħalib fi Spanja jikkonċernaw għadd limitat ta' applikanti f'reġjun wieħed. L-iżball ta' konfigurazzjoni rigward il-komponent addizzjonali taż-żona ta' art mill-għajnuna kkonċerna ugwalment għadd limitat ħafna ta' applikanti.

60.
L-Istat Membru diġà ħa azzjonijiet korrettivi għall-fajls identifikati.

62.
Il-Kummissjoni tinnota d-disfunzjonijiet identifikati mill-Qorti fl-Italja b'rabta ma' miżuri ta' assigurazzjoni. Dawn se jiġu segwiti matul l-approvazzjoni tal-verifika ta' konitjiet li jmiss dwar din il-miżura.

63.
Dawn il-miżuri mhumiex soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

64.
Il-Kummissjoni tqis li x-xogħol li sar fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet ikopri r-riskju għall-Fondi minħabba d-dgħufijiet identifikati mill-Qorti.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tilqa' l-kumment tal-Qorti fin-notata' qiegħ il-paġna 44.

65.
L-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-verifiki fuq il-post għall-miżura tan-nagħaġ/mogħoż fil-Greċja fl-2010 huma diġà soġġetti għal verifika mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Istat Membru diġà ħa azzjonijiet korrettivi għas-snin sussegwenti.

66.
Il-Kummissjoni tieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Qorti u se tevalwahom matul il-verifiki tal-approvazzjoni ta' kontijiet li jmiss.

67.
Skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-verifiki jitwettqu permezz ta' telerilevament (95 %) u permezz ta' żjarat klassiċi fuq il-post (5 %). Rigward it-telerilevament, l-interpretazzjoni permezz ta' ritratti ssir erba' darbiet: fil-ħarifa tas-sena ta' qabel, fil-bidu u fi tmiem ir-rebbiegħa, u fis-sajf; filwaqt li dawn jitlestew permezz ta' żjarat ta' malajr fuq il-post. Il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Spanjoli jidhru li jnaqqsu r-riskju għall-Fond. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tieħu inkonsiderazzjoni r-rimarki tal-Qorti fil-qafas tal-attività ta' awditjar tagħha.

Il-kummenti tal-Qorti għall-Italja se jkunu vvalutati waqt approvazzjoni tal-verifika ta' kontijiet li jmiss.

68.
L-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar dgħufijiet li jikkonċernaw dokument ta' spezzjonijiet matul il-verifiki fuq il-post għall-miżura tan-nagħaġ/tal-mogħoż fil-Greċja huma diġà soġġetti għal verifika mill-Kummissjoni. Fir-rigward ta' Spanja, il-Kummissjoni ser issegwi din l-osservazzjoni fl-approvazzjoni tal-verifika tal-kontijiet.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

69.
Il-Kummissjoni se ssegwi din l-osservazzjoni u tieħu l-miżuri xierqa.

Tweġiba komuni għal 70 – 75
L-Istati Membri jqisu l-ispejjeż għall-ġestjoni u l-kontroll li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' appoġġ u l-ħtieġa possibbli li jitwaqqfu sistemi ta' kontroll *ad hoc*.

76.
Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal 70 - 75.

Kaxxa 3 — It-tielet paragrafu
Ċertifikat amministrattiv jista' jinħareġ mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti mingħajr spiża għall-benefiċjarji. L-obbligu possibbli jaqa' fuq l-awtoritajiet biex joħorġu ċ-ċertifikati fil-ħin.

Rigward l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-għadd ta' kontrolli fuq il-post imwettqa u d-dgħufijiet dwar id-dokument ta' spezzjonijiet, ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 65 u 68.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

77.
Il-prinċipju tas-sussidjarjetà se japplika għal-iskema ta' appoġġ akkoppjat stabbilita fil-proposta tal-Kummissjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' appoġġ skont l-għan li jkunu identifikaw.

78.
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-implimentazzjoni għall-iskema ta' appoġġ speċifika tinkludi l-possibbiltà li jingħataw pagamenti akkoppjati ma tixħetx dubju fuq l-orjentazzjoni ġenerali tal-iskema tal-pagamenti diretti lejn id-diżakkoppjament hekk kif din il-possibbiltà hija limitata (3.5 % tal-limitu massimu nazzjonali) u hija kompatibbli mar-regoli tad-WTO.

79.
Il-leġiżlatur qies li hi r-responsabbiltà esklussiva tal-Istati Membri li jidentifikaw tipi ta' setturi tal-biedja jew dawk agrikoli biex jiġu appoġġjati minn miżuri skont l-Artikolu 68. Kienu maħsuba li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiġu identifikati reġjuni jew setturi b'diffikultajiet fuq it-territorju tagħhom u li jiffissaw il-prijoritajiet fost il-ħtiġijiet varji għal appoġġ immirat.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK post-2013 tipprevedi t-twaqqif ta' qafas komuni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni, inklużi l-miżuri tal-ewwel u t-tieni pilastru.

80.
Kif rikonoxxut mill-Qorti fin-nota tagħha ta' qiegħ il-paġna 44, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat bosta punti ta' dgħufija fil-qafas tal-approvazzjoni tal-proċedura tal-kontijiet. Uħud mid-dgħufijiet jikkonċernaw għadd limitat ħafna ta' benefiċjarji u ma jindikawx dgħufijiet ġenerali sistematiċi.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

81.
Il-proposta tal-Kummissjoni "il-PAK post-2013" fir-rigward tal-appoġġ akkoppjat volontarju hija soġġetta għal għadd ta' limiti: lista ta' setturi u produzzjonijiet eliġibbli, limiti kwantitattivi definiti, perċentwal limitat tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru għall-pagamenti diretti, l-approvazzjoni tal-Kummissjoni 'l fuq minn ċertu livell ta' perċentwal bħal dan, il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ (li għad iridu jiġu speċifikati minn atti delegati).

Rakkomandazzjoni 1
Fil-PAK post-2013, l-Istati Membri se jkollhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-reġjuni fil-mira, it-tipi magħżula ta' biedja jew setturi u l-livell ta' appoġġ li jkun ingħata. Billi jsir hekk, huma se jiddeskrivu r-raġunijiet għaliex huwa previst appoġġ akkoppjat u liema huma l-effetti mistennija.

Fejn id-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru timplika deroga mill-perċentwal bażiku tal-limitu massimu nazzjonali, deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolari fir-reġjun fil-mira u tal-karatteristiċi partikolari tat-tipi ta' biedja jew setturi speċifiċi li jiġġustifikaw iż-żieda fil-livell ta' appoġġ se tkun meħtieġa. Meta d-deċiżjoni tal-Istat Membru hija soġġetta għall-approvazzjoni, restrizzjonijiet speċifiċi bħalma huma n-nuqqas ta' alternattivi jew il-ħtieġa li tkun ipprovduta provvista stabbli lill-industrija lokali tal-ipproċessar għandha tintwera.

Rakkomandazzjoni 1 (a)
F'konformità mal-kompromess politiku (ftehim preliminari mal-koleġiżlaturi) fil-kuntest tar-riforma tal-PAK post-2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna permezz ta' atti delegati.

L-għan tal-Kummissjoni huwa li tintroduċi simplifikazzjoni ċara meta mqabbla ma' appoġġ speċifiku attwali hekk kif l-appoġġ akkoppjat volontarju se jirreferi biss għal wieħed mid-disa' miżuri eżistenti skont l-Artikolu 68. Dan ifisser li minkejja li l-lista ta' setturi eliġibbli se tkun aktar estiża minn qabel, in-numru u d-diversità tal-għanijiet tal-appoġġ huma ristretti għal kategorija waħda (jiġifieri l-vulnerabbiltà ekonomika ta' ċerti tipi ta' biedja). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan se jnaqqas ir-riskju ta' duplikazzjoni u l-akkumulazzjoni ta' appoġġ.

Rakkomandazzjoni 1 (b)
Taħt is-setgħat li l-Kummissjoni ngħatat permezz ta' atti delegati, l-aktar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ għandhom jiġu ddefiniti.

Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri se jkollhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar reġjuni fil-mira tat-tipi magħżula ta' biedja jew setturi u l-livell ta' appoġġ li jkun ingħata. Billi jsir hekk, huma se jiddeskrivu r-raġunijiet għaliex huwa previst appoġġ akkoppjat u liema huma l-effetti mistennija.

Fejn id-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru timplika deroga mill-perċentwal bażiku tal-limitu massimu nazzjonali, deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolari fir-reġjun fil-mira u tal-karatteristiċi partikolari tat-tipi ta' biedja jew setturi speċifiċi li jiġġustifikaw iż-żieda fil-livell ta' appoġġ se tkun meħtieġa. Meta d-deċiżjoni tal-Istat Membru hija soġġetta għall-approvazzjoni, għandhom jintwerew ħtiġijiet speċifiċi bħan-nuqqas ta' alternattivi jew il-ħtieġa li tkun ipprovduta provvista stabbli lill-industrija lokali tal-ipproċessar.

Rakkomandazzjoni 2
Ir-regoli ta' implimentazzjoni li għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni se jipprovdu għal obbligi għall-Istati Membri biex perjodikament jinformaw dwar l-utilizzazzjoni attwali tal-miżuri implimentati. Dawn l-obbligi huma meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex iħarsu l-obbligu tagħha li tirrapporta regolarment lid-WTO billi appoġġ akkoppjat huwa kkonċernat bħala deroga mill-orjentazzjoni diżakkoppjata globali tal-iskemi ta' pagamenti diretti.

Se tkun meħtieġa informazzjoni minima fuq in-numru ta' applikazzjonijiet ippreżentati taħt kull tip ta' miżura ta' sostenn u fuq l-ammonti li tħallsu realment kif ukoll l-għadd ta' benefiċjarji għal kull reġjun, is-settur u/jew it-tip ta' biedja f'kull Stat Membru.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Tali Komunikazzjonijiet se jippermettu lill-Kummissjoni issegwi l-implimentazzjoni attwali tal-iskema għall-miżuri kollha ta' appoġġ implimentati irrispettivament mis-settur ikkonċernat kif ukoll il-konformità mal-limiti baġitarji ffissati.

B'mod aktar ġenerali, kompromess politiku jinkludi t-twaqqif ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni, inklużi l-miżuri tal-ewwel u t-tieni pilastru.

Rakkomandazzjoni 3

L-Istati Membri huma responsabbli sabiex jiddeċiedu u jfasslu l-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu implimentati u se jkollhom jiżguraw li tali miżuri huma verifikabbli u kontrollabbli. Għalhekk, huma għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż ta' ġestjoni u kontroll li jirriżultaw mill-implimentazzjoni possibbli ta' miżuri ta' appoġġ akkoppjati u l-ħtieġa possibbli li jitwaqqfu sistemi ta' kontroll *ad hoc*.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Rapport Speċjali Nru 10/2013
Politika Agrikola Komuni: L-appoġġ speċifiku pprovdut taħt l-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 huwa mfassal u implimentat tajjeb?

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 54 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-392-7
doi:10.2865/31072

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu

Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AB-13-010-MT-C

BĦALA DEROGA GĦALL-PRINĊIPJI ĠENERALI TA' DIŻAKKOPPJAR U SIMPLIFIKAZZJONI TAR-REĠIM GĦALL-PAGAMENTI GĦALL-BDIEWA, L-ARTIKOLU 68 JIPPERMETTI LILL-ISTATI MEMBRI JŻOMMU PARTI MIL-LIMITI MASSIMI NAZZJONALI TAGĦHOM BIEX JIPPROVDU APPOĠĠ SPEĊIFIKU LIL ĊERTI ATTIVITAJIET, NOTEVOLMENT PERMEZZ TA' PAGAMENTI AKKOPPJATI DIRETTI, F'KAŻIJIET DEFINITI B'MOD ĊAR.

F'DAN IR-RAPPORT, IL-QORTI TINNOTA LI L-KUMMISSJONI GĦANDHA FTIT LI XEJN KONTROLL FUQ IL-ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAL TALI KAŻIJIET U LI L-ISTATI MEMBRI GĦANDHOM GRAD GĦOLI TA' DISKREZZJONI. HEMM EVIDENZA INSUFFIĊJENTI LI L-MIŻURI INTRODOTTI TAĦT L-ARTIKOLU 68 HUMA NEĊESSARJI JEW RILEVANTI F'TERMINI TA' ĦTIĠIJIET, EFFETTIVITÀ TAT-TFASSIL TAGĦHOM U L-LIVELLI TA' GĦAJNUNA DISPONIBBLI. IL-QORTI INDIKAT UKOLL DGĦUFIJIET FIS-SISTEMI AMMINISTRATTIVI U TA' KONTROLL, KULTANT MINKEJJA PIŻIJIET TA' ĠESTJONI U KONTROLL DIĠÀ TQAL.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9241-392-7

9 789292 413927